KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fis-7 ta' Awwissu 2018[1]

Kawżi Magħquda C-325/18 PPU u C-375/18 PPU

Hampshire County Council
vs
C.E.,
N.E.,

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Court of Appeal (il-Qorti tal-Appell, l-Irlanda))

"Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Regolament (KE) Nru 2201/2003 – Ġurisdizzjoni, rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri – Rabta mal-Konvenzjoni ta' Den Haag dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri – Applikazzjoni għal dikjarazzjoni tas-saħħa eżekuttiva – Rikors – Terminu għall-preżentata tal-imsemmi rikors – Possibbiltà ta' estensjoni – Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Portata – Eżekuzzjoni ta' sentenza qabel in-notifika tad-dikjarazzjoni tas-saħħa eżekuttiva tal-imsemmija deċiżjoni lill-ġenituri kkonċernati – Salvagwardja tal-effettività tar-rikors kontra d-dikjarazzjoni li tikkonstata s-saħħa eżekuttiva – Ordni kawtelatorja"

Werrej

I. Introduzzjoni 3

II. Il-kuntest ġuridiku 4

A. Id-dritt internazzjonali u d-dritt tal-Unjoni 4

1. Il-Konvenzjoni ta' Den Haag 4

2. Ir-Regolament Nru 2201/2003 5

B. Id-dritt Irlandiż 9

III. Il-fatti li wasslu għall-kawża 9

IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u d-domandi preliminari 13

V. Evalwazzjoni 14

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

A. Fuq l-ammissibilità tar-rinviji għal deċiżjoni preliminari 14

B. Fuq l-ewwel domanda preliminari fil-Kawża C-325/18 PPU 14

1. Il-possibbiltà li jintalab l-exequatur ta' deċiżjoni li tikkonċerna r-responsabbiltà tal-ġenituri skont ir-Regolament Nru 2201/2003, indipendentement mill-proċedura Den Haag 15

2. L-impossibbiltà li tintalab, taħt ir-Regolament Nru 2201/2003, l-exequatur ta' deċiżjoni li tordna r-ritorn ta' minuri mhux relatata ma' deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri 18

3. Konklużjoni intermedja 19

C. Fuq it-tieni u t-tielet domandi preliminari fil-Kawża C-325/18 PPU u fuq id-domanda preliminari fil-Kawża C-375/18 PPU 19

1. Fuq it-terminu (it-tieni u t-tielet domandi preliminari fil-Kawża C-325/18 PPU) 19

a) Osservazzjonijiet preliminari 20

b) Fuq il-possibbiltà tal-estensjoni tat-terminu previst fl-Artikolu 33(5) tar-Regolament Nru 2201/2003 21

c) Fuq l-ibbilanċjar li għandu jsir meta jiġi estiż it-terminu għall-preżentata ta' rikors previst fl-Artikolu 33(5) tar-Regolament Nru 2201/2003 22

1) It-tul tal-qbiż tat-terminu 23

2) L-għanijiet tar-Regolament Nru 2201/2003 24

3) Il-ksur tad-dritt għal rimedju effettiv 24

4) Ir-rabta kawżali bejn in-nuqqas ta' osservanza tat-terminu u l-imġiba tal-amministrazzjoni 26

5) L-imġiba tal-partijiet 27

d) Konklużjoni intermedja 27

2. Fuq l-ordni (Kawża C-375/18 PPU) 27

a) Osservazzjonijiet preliminari 28

b) Fuq il-projbizzjoni ta' "anti-suit injunctions" 28

c) Fuq l-utilità ta' ordni kawtelatorja fiċ-ċirkustanzi fil-kawża prinċipali 30

d) Konklużjoni intermedja 31

VI. Konklużjoni 32

I. Introduzzjoni

1. Ir-Regolament (KE) Nru 2201/2003, imsejjaħ r-"Regolament Brussell IIa"[2], huwa l-istrument tal-Unjoni li jsir rilevanti, b'mod partikolari, fir-rigward tar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni li tikkonċerna r-responsabbiltà tal-ġenituri fi Stat Membru ieħor. Għall-każijiet ta' tneħħija illegali ta' minuri bi ksur tad-dritt ta' kustodja, dan ir-regolament jintegra u jikkompleta d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri, konkluża f'Den Haag, fil-25 ta' Ottubru 1980 (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980").

2. Din il-kawża tqajjem il-kwistjoni tar-relazzjoni bejn dawn iż-żewġ strumenti f'każ fejn familja Ingliża ħarbet lejn l-Irlanda b'tarbija ta' jumejn jew tlett ijiem kif ukoll b'żewġt itfal ta' tliet snin u ta' ħames snin, minħabba t-theddida ta' teħid tat-tfal tagħhom minn awtorità lokali responsabbli għall-ħarsien tat-tfal.

3. Sussegwentement, fl-assenza tal-ġenituri, l-awtorità lokali l-ewwel kisbet minn qorti Ingliża ordni li tqiegħed lit-tfal taħt tutela ġudizzjarja u li tordna r-ritorn tagħhom lejn l-Ingilterra, u mbagħad, minn qorti Irlandiża, deċiżjoni ta' *exequatur* abbażi tar-Regolament Nru 2201/2003. Finalment, saħansitra qabel ma nnotifikat din id-deċiżjoni ta' *exequatur* lill-ġenituri, l-awtorità Ingliża, assistita mill-omologi Irlandiżi tagħha, ipproċediet bl-eżekuzzjoni billi ġabet it-tfal lura lejn l-Ingilterra mingħajr ma kienu jafu l-ġenituri. Dawn imbagħad ippreżentaw rikors kontra d-deċiżjoni ta' *exequatur* fl-Irlanda jumejn wara t-terminu previst mir-Regolament Nru 2201/2003. Sadanittant, l-awtorità Ingliża bdiet, fl-Ingilterra, proċedura ta' adozzjoni tat-tarbija.

4. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, qabel kollox, jekk il-fatt li l-awtorità Ingliża rrikorriet għad-dispożizzjonijiet ġenerali tar-Regolament Nru 2201/2003 dwar l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet mogħtija fi Stat Membru ieħor sabiex tikseb l-*exequatur* tad-deċiżjoni Ingliża fl-Irlanda tikkostitwixxix evitar tal-proċeduri speċifiċi previsti, għall-każijiet ta' tneħħija internazzjonali ta' minuri, mill-Konvenzjoni ta' Den Haag, moqrija flimkien mar-Regolament Nru 2201/2003.

5. Imbagħad, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk it-terminu previst fl-Artikolu 33(5) tar-Regolament Nru 2201/2003 għall-preżentata ta' rikors kontra d-deċiżjoni ta' *exequatur* jistax jiġi estiż, b'mod partikolari f'każ fejn deċiżjoni ġiet eżegwita qabel in-notifika tad-dikjarazzjoni ta' *exequatur* lill-persuna li kontriha ntalbet l-eżekuzzjoni.

6. Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju, li hija wkoll adita b'talba għal miżuri provviżorji intiża għall-għoti, kontra l-awtorità Ingliża, ta' ordni kawtelatorja li tipprojbixxi lil din l-awtorità milli tkompli l-proċedura ta' adozzjoni tat-tarbija u milli tibda proċedura ta' adozzjoni għaż-żewġt itfal il-kbar, titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi d-domanda dwar jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix li din toħroġ tali ordni kontra korp pubbliku ta' Stat Membru ieħor.

2 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243, rettifika fil-ĠU L 2013, p. 63), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2116/2004 tat-2 ta' Diċembru 2004 (ĠU L 153M, p. 253).

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt internazzjonali u d-dritt tal-Unjoni

1. Il-Konvenzjoni ta' Den Haag

7. Skont l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag, l-għan tagħha huwa, b'mod partikolari, "a) li jiġi żgurat ir-ritorn immedjat tal-minuri meħuda jew miżmuma illegalment f'wieħed mill-Istati Kontraenti" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

8. Skont l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag, it-tneħħija jew iż-żamma ta' minuri għandhom jitqiesu bħala illeċiti meta:

"a) dan ikun bi ksur tad-drittijiet ta' kustodja, vestiti f'persuna, istituzzjoni jew enti oħra, kemm singolarment, kif ukoll konġuntement, taħt il-liġi tal-Istat fejn il-minuri kien soltu joqgħod minnufih qabel ir-rimozzjoni [tneħħija] jew ritenzjoni [żamma];

[…]

Id-drittijiet ta' kustodja imsemmija fis-subparagrafu (a) hawn aktar qabel jistgħu joriġinaw b'mod partikolari mill-operat tal-liġi jew bis-saħħa ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva, jew bis-saħħa ta' ftehim li jkollu effett legali skont il-liġi ta' dak l-Istat."

9. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag:

"Meta minuri jkun tneħħa jew inżamm b'mod illeċitu skont l-Artikolu 3 u, fid-data tal-bidu tal-proċedimenti quddiem l-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva tal-Istat Kontraenti fejn ikun jinsab il-minuri, ikun għadda perjodu ta' inqas minn sena mid-data tar-rimozzjoni [tneħħija] jew ritenzjoni [żamma] illeċita, l-awtorità li tkun għandha tordna r-ritorn tal-minuri biex dan isir minnufih."

10. L-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag huwa fformulat kif ġej:

"Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu ta' qabel, l-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva tal-Istat rikjest m'hiex marbuta li tordna r-ritorn tal-minuri jekk il-persuna, istituzzjoni jew enti oħra li topponi r-ritorn iġġib prova li:

[…]

b) jkun hemm riskju kbir li r-ritorn tal-minuri se jesponih għal dannu fiżiku jew psikoloġiku jew inkella jqiegħed lill-minuri f'sitwazzjoni intollerabbli.

L-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva tista' wkoll tirrifjuta li tordna r-ritorn tal-minuri jekk issib li l-minuri jogġezzjona għar-ritorn tiegħu u jkun laħaq età u livell ta' maturità li jkun tajjeb li wieħed jagħti każ tal-fehmiet tiegħu. […]"

2. Ir-Regolament Nru 2201/2003

11. L-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 2201/2003 jipprovdi:

"1. Dan ir-Regolament għandu japplika, tkun xi tkun in-natura ta' l-qorti jew tribunal, fi kwistjonijiet ċivili dwar:

[…]

b) l-attribuzzjoni, l-ezerċizzju, id-delegazzjoni, ir-restrizzjoni jew it-terminazzjoni tar-responsabbilità ta' l-ġenituri.

2. Il-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu1(b) jistgħu, partikolarment, jittrattaw fi:

a) drittijiet ta' kustodja u drittijiet ta' aċċess;

b) kuratura, tutela w istituzzjonijiet simili;

ċ) in-nomina u l-funzjonijiet ta' xi persuni jew korp li għandhom l-inkarigu ta' l-minuri jew ta' l-proprjetà, ir-rappreżentanza jew l-għajnuna ta' l-minuri;

d) it-tqegħid ta' l-minuri ma' familja tar-rispett jew f' kustodja stituzjonali;

[…]

3. Dan ir-Regolament ma japplikax għal:

[…]

b) id-deċizjonijiet dwar l-adozzjoni, il-miżuri preparatorji għall-adozzjoni, jew l-annullament jew ir-revoka ta' l-adozzjoni;

[…]"

12. Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 2201/2003, japplikaw dawn id-definizzjonijiet li ġejjin:

"4. il-kelma 'sentenza' għandha tfisser […] sentenza dwar ir-responsabbilità ta' l-ġenituri, iddikjarata minn qorti ta' Stat Membru […];

[…]

7. il-kliem 'responsabbilità ta' l-ġenituri' għandhom ifissru d-drittijiet u r-responsabbilitajiet kollha dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' l-minuri li huma moghtija lil persuna jew persuna legali b'sentenza, bl-operazzjoni ta' l-liġi jew b'xi fteħim li għandu effetti legali. Il-kliem se jinkludu d-drittijiet ta' kustodja u d-drittijiet ta' l-aċċess;

[…]

9. il-kliem 'drittijiet ta' kustodja' għandhom jinkludu drittijiet u responsabbilitajiet dwar il-kura ta' l-persuna ta' l-minuri, u partikolarment id-drittijiet li jiddeterminaw il-post ta' residenza ta' l-minuri;

[…]

11. il-kliem 'tneħħija nġusta jew iż-żamma' għandhom ifissru t-tneħħija ta' l-minuri jew iż-żamma fejn;

    a) hemm ksur ta' liġi tad-drittijiet ta' kustodja akkwistati permezz ta' sentenza jew b'operat ta' liġi jew b'xi fteħim li għandu effett legali taħt il-liġi ta' l-Istat Membru fejn il-minuri kienu abitwalment residenti mmedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma […]"

13. Il-Kapitolu II tar-Regolament Nru 2201/2003 huwa intitolat "Il-Ġurisdizzjoni" u jinkludi fost l-oħrajn l-Artikolu 11, intitolat "Ir-Ritorn ta' l-minuri", li jipprovdi:

"1. Fejn persuna, istituzzjoni jew xi korp ieħor li għandhom id-drittijiet ta' kustodja japplika ma' l-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru biex joħorġu sentenza dwar il-bażi ta' l-Konvenzjoni ta' l-Aja ta' l-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili dwar il-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri (hawnhekk iżjed 'il quddiem 'il-Konvenzjoni ta' l-Aja ta' l-1980'), ħalli tikseb ir-ritorn ta' l-minuri li ġew inġustament imneħħija jew miżmuma fi Stat Membru barra dak li huwa l-Istat Membru fejn il-minuri kienu abitwalment residenti mmedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma nġusta, għandhom japplikaw paragrafi 2 sa 8.

[…]

4. Qorti ma tistax tirrifjuta milli tirritorna minuri a bażi ta' l-Artikolu 13b ta' l-Konvenzjoni ta' l-Aja ta' l-1980 jekk jiġi stabbilit li saru l-arranġamenti xierqa sabiex jiżguraw il-protezzjoni ta' l-minuri wara r-ritorn tiegħu jew tagħha.

[…]

6. Jekk qorti ħarġet ordni kontra r-ritorn skond l-Artikolu 13 ta' l-Konvenzjoni ta' l-Aja ta' l-1980, il qorti għandha immedjatament titrasmetti jew direttament jew mill-awtorità ċentrali tagħha,, kopja ta' l-ordni ta' l-qorti dwar l- sabiex ma jsirx ir-ritorn u d-dokumenti rilevanti, u partikolarment traskrizzjoni tas-seduti quddiem il-qorti, lill-qorti li għandha l-ġurisdizzjoni jew lill-awtorità ċentrali fl-Istat Membru fejn il-minuri kienu abitwalment residenti qabel it-tneħħija jew iż-żamma nġusta, kif determinati mil-liġi nazzjonali. Il-Qorti għandha tirċievi d-dokumenti kollha msemmija fi żmien xahar mid-data ta' l-ordni sabiex ma jsirx ir-ritorn.

7. Kemm-il darba [Sakemm] il-qrati fl-Istat Membru fejn il-minuri kienu abitwalment residenti mmedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma nġusta ġew [ma kinux] diġa fil-pussess ta' wieħed mill-partijiet, il-qorti jew l-awtorità ċentrali li tirċievi l-informazzjoni imsemmija fil-paragrafu 6 għandha tinnotifika lill-partijiet u tistedinhom jagħmlu s-sottomissjonijiet lill-qorti, skond il-liġi nazzjonali, fi żmien tlett xhur tad-data ta' notifika ħalli l-qorti tkun tista' teżamina l-kwistjoni ta' l-kustodja ta' l-minuri.

Mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar il-ġurisdizzjoni li jinstabu f'dan ir-Regolament, il-qorti għandha tagħlaq il-każ jekk ebda sottomissjoni ma tiġi reġistrata mill-qorti fiż-żmien limitu.

8. Minkejja sentenza biex ma jsirx ir-ritorn skond l-Artikolu 13 ta' l-Konvenzjoni ta' l-Aja ta' l-1980, kwalunkwe sentenza li tiġi wara li tirrekjedi r-ritorn ta' l-minuri maħruġa minn qorti li għandha l-ġurisdizzjoni taħt dan ir-Regolament għandha tkun infurzabbli skond it-Taqsima 4 ta' l-Kapitolu III li tinstab aktar l-isfel ħalli jiġi tassigurat [assigurat] ir-ritorn ta' l-minuri."

14. L-Artikolu 20, li wkoll jagħmel parti mill-Kapitolu II, jipprovdi:

"1. F'każijiet urgenti, id-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament mhux se jħallu l-qrati ta' Stat Membru milli jieħu dawk il-miżuri provviżorji, inkluzi dawk protettivi fir-rigward ta' persuni jew assi f'dak l-Istat kif huma disponibbli taħt il-liġi ta' dak l-Istat Membru, anke jekk, taħt dan ir-Regolament, il-qorti ta' Stat Membru ieħor għandha l-ġurisdizzjoni nkwantu għas-sustanza ta' l-kwistjoni.

[…]"

15. Il-Kapitolu III tar-Regolament Nru 2201/2003 jinkludi dispożizzjonijiet dwar ir-"Rikonoxximent u l-Infurzar". F'dan ir-rigward, it-Taqsima 1 ("Ir-Rikonoxximent") tinkludi fost l-oħrajn l-Artikolu 21, intitolat "Ir-Rikonoxximent ta' sentenza", li l-ewwel paragrafu tiegħu jipprovdi:

"Sentenza mogħtija fi Stat Membru għandha tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri l-oħra mingħajr il-bżonn ta' ebda proċedura speċjali."

16. L-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 2201/2003 jistipula "Ir-Raġunijiet għan-nuqqas ta' rikonoxximent tas-sentenzi dwar ir-responsabbilità ta' l-ġenituri", jiġifieri:

"Sentenza dwar ir-responsabbilità ta' l-ġenituri m'għandhiex tiġi rikonoxxuta:

a) Jekk l-imsemmi rikonoxximent jidħer ċar li huwa kuntrarju għall-politika pubblika ta' l-Istat Membru li fih r-rikonoxximent qiegħed jiġi mitlub wara li jiġu kkunsidrati l-aħjar interessi ta' l-minuri;

b) Jekk ġie mogħti, ħlief f'każ ta' emerġenza, mingħajr ma l-minuri ingħata l-opportunità biex jinstema, bi ksur ta' l-prinċipji fondamentali ta' l-proċedimenti ta' l-Istat Membru fejn huwa mitlub ir-rikonoxximent;

ċ) Fejn ġiet mogħtija b'kontumaċja jekk il-kontumaċi ma kienx/itx notifikat bid-dokument li stitwixxa l-proċedimenti jew b'xi document ekwivalenti fi żmien suffiċjenti u b'mod li ħalla dik il-persuna tirranġa għad-difiża tagħha ħlief jekk jiġi ddeterminat li dik il-persuna aċċettat is-sentenza b'mod inekwivokabbli;

d) dwar it-talba ta' pretensjoni minn kwalsijasi persuna li s-sentenza tikser d-drittijiet tagħhom tar-responsabbilità bħala ġenituri, jekk ġiet mogħtija mingħajr ma' din il-persuna tkun ingħatat l-opportunità li tinstema';

[…]"

17. It-Taqsima 2 tal-Kapitolu III tar-Regolament Nru 2201/2003 hija intitolata "L-applikazzjoni għall-dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà" u tinkludi fost l-oħrajn l-Artikolu 28 ("Is-Sentenzi […] li jistgħu jiġu nfurzati") li l-ewwel paragrafu tiegħu jipprovdi:

"Sentenza dwar l-eżerċitar tar-responsabbilità ta' l-ġenituri dwar il-minuri mogħtija fi Stat Membru li hija nfurzabbli f'dak l-Istat Membru u li ġiet notifikata għandha tigi nfurzata fi Stat Membru ieħor meta, fuq applikazzjoni ta' kwalsijasi parti nteressata, ġiet iddikjarata nfurzabbli hemmhekk."

18. L-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 2201/2003 jipprovdi f'dan ir-rigward:

"1. Il-qorti li tkun saritilha l-applikazzjoni għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha mingħajr dewmien. La l-persuna li kontriha qiegħed jiġi mitlub l-infurzar, u lanqas il-minuri m'għandhom, f'dan l-istadju ta' l-proċedimenti, ikunu ntitulati jagħmlu xi sottomissjonijiet dwar l-applikazzjoni.

2. L-applikazzjoni tista' tiġi rifjutata biss għal waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikoli 22, 23 u 24.

3. Taħt l-ebda ċirkustanzi m'għandha sentenza titħalla tiġi riveduta nkwantu għas-sustanza tagħha."

19. L-Artikolu 33 tar-Regolament Nru 2201/2003, intitolat "L-appell kontra d-deċiżjoni", jipprovdi:

"1. Id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għall-dikjarazzjoni ta' l-infurzabbiltà tista' tiġi appellata minn kwalunkwe waħda mill-partijiet.

[…]

3. L-appell għandu jinstema skond ir-regoli li jirregolaw il-proċedimenti fi kwistjonijiet kontradittorji.

4. Jekk l-appell jiġi ppreżentat mill-applikant għal dikjarazzjoni ta' l-infurzabbiltà, il-parti li kontriha huwa mitlub l-infurzar għandha tiġi mħarrka sabiex tidher quddiem il-qorti ta' l-appell. […]

5. Kull appell kontra dikjarazzjoni ta' l-infurzabbiltà għandu jiġi ppreżentat fi zmien xahar min-notifika tiegħu. Jekk il-parti li kontriha qiegħed jiġi mitlub l-infurzar hija abitwalment residenti fi Stat Membru li mhux dak li fih ingħatat id-dikjarazzjoni ta' l-infurzabbiltà, iż-żmien għall-appell għandu jkun ta' xaharejn u għandu jibda jiddekorri mid-data tan-notifika, jew fuq ismu jew fuq ir-residenza tiegħu. Ma tista' tingħata ebda estensjoni ta' żmien minħabba d-distanza."

20. L-Artikolu 35(1) tar-Regolament Nru 2201/2003 huwa fformulat kif ġej:

"Il-qorti li magħha jsir l-appell ppreżentat taħt l-Artikolu 33 jew 34 tista', fuq applikazzjoni ta' l-parti li kontriha qiegħed jiġi mitlub l-infurzar, twaqqaf il-proċedimenti jekk ikun ġie ppreżentat appell ordinarju ppreżentat fl-Istat Membru ta' l-oriġini, jew jekk iż-żmien li fih jista' jsir l-imsemmi appell għadu m'għalaqx. F'dan l-aħħar każ, il-qorti tista' tispeċifika ż-żmien li fih l-appell jista' jiġi ppreżentat."

21. L-Artikolu 40 tar-Regolament Nru 2201/2003 jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tat-Taqsima 4 tal-Kapitolu III tal-imsemmi Regolament u jipprovdi:

"1. Din it-taqsima għandha tapplika għal:

a) drittijiet ta' aċċess;

u

b) ir-ritorn ta' l-minuri bħala konsegwenza ta' sentenza mogħtija skond l-Artikolu 11(8).

2. Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima m'għandhomx iċaħħdu lil min għandu r-responsabbilità ta' l-ġenituri milli jfittex ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenza skond id-disposizzjonijiet fit-Taqsima 1 u 2 ta' dan il-Kapitolu."

22. L-Artikolu 42, li jagħmel parti mit-Taqsima 4, jipprovdi:

"1. Ir-ritorn ta' l-minuri imsemmija fl-Artikolu 40(1)(b) bħala konsegwenza ta' sentenza ta' l-infurzar mogħtija fi Stat Membru għandha tiġi rikonoxxuta u nfurzabbli fi Stat Membru ieħor mingħajr il-bżonn ta' dikjarazzjoni ta' l-infurzabbiltà u mingħajr ebda possibilità li topponi r-rikonoxximent tagħha jekk is-sentenza ġiet iċċertifikata fl-Istat Membru ta' l-oriġini skond il-paragrafu 2.

Anke jekk il-liġi nazzjonali ma tipprovdiex għall-infurzabbiltà b'operat ta' l-liġi, minkejja kwalunkwe appell, ta' xi sentenza li teħtieġ ir-ritorn ta' l-minuri imsemmija fl-Artikolu 11(b)(8), il-qorti ta' l-oriġini tista' tiddikjara s-sentenza bħala nfurzabbli.

2. L-Imħallef ta' l-oriġini li qata' s-sentenza msemmija fl-Artikolu 40(1)(b) għandu joħroġ iċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 1 biss jekk:

a) il-minuri ingħata l-opportunità li jinstema, ħlief jekk seduta ġiet ikkunsidrata li mhix xierqa wara li ġew ikkunsidrati l-età jew livell ta' maturità tiegħu;

b) il-partijiet ġew mogħtija opportunità li jinstemgħu; u

ċ) il-qorti kkunsidrat waqt li kienet qed taqta' s-sentenza r-raġunijiet għal u x-xhieda wara ta' l-ordni maħruġa skond l-Artikolu 13 ta' l-Konvenzjoni ta' l-Aja ta' l-1980.

[…]"

B. Id-dritt Irlandiż

23. Id-Digriet 122 tar-Rules of the Superior Courts (ir-Regoli ta' Proċedura tal-Qrati Superjuri) huwa intitolat "Termini" u r-regola 7 tiegħu tgħid:

"Il-Qorti Superjuri għandha s-setgħa li testendi jew tqassar kull terminu stabbilit permezz ta' dawn ir-regoli ta' proċedura, jew stabbilit permezz ta' digriet ta' estensjoni tat-terminu, għat-twettiq ta' att jew għall-preżentata ta' att ta' proċedura, skont il-kundizzjonijiet (fejn xieraq) li hija tordna. Estensjoni tista' tiġi deċiża anki fejn l-applikazzjoni għal estensjoni tkun saret wara l-iskadenza tat-terminu stabbilit jew awtorizzat."

III. Il-fatti li wasslu għall-kawża

24. Din il-kawża tirrigwarda familja li tikkonsisti minn omm [3] li bħalissa għandha 24 sena, it-tliet itfal tagħha li bħalissa għandhom sitt snin [4], erba' snin [5] u madwar ħdax-il xahar [6], u żewġha [7], li bħalissa għandu 26 sena, li huwa missier it-tarbija u l-missier tar-rispett taż-żewġt itfal il-kbar.

25. Mill-proċess tal-proċedura tal-kawża prinċipali jirriżulta li, meta kienu jgħixu l-Ingilterra, l-omm u ż-żewġt itfal il-kbar kienu ġew issorveljati mill-awtorità lokali responsabbli għall-ħarsien tat-tfal, il-Hampshire County Council (il-Kunsill tal-Kontea ta' Hampshire) [8], matul diversi snin. It-tħassib tal-HCC f'dan il-kuntest kien dwar, b'mod partikolari, in-nuqqas ta' iġjene u ta' ndafa fid-dar, iż-żieda fil-piż tat-tieni minuri, il-vjolenza domestika eżerċitata kontra l-omm minn missier it-tieni minuri meta kien jgħix magħha, il-pussess ta' pjanti tal-kannabis minn missier it-tieni minuri kif ukoll, globalment, riskju ta' negliġenza tas-sorveljanza tal-minuri.

26. Matul is-snin 2015 u 2016, l-omm ħadet sehem fi programm intiż għall-vittmi ta' vjolenza domestika [9], isseparat minn missier it-tieni minuri u ħadet passi biex tipproteġi lilha nnifisha u lit-tfal tagħha. Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet ta' iġjene fid-dar tjiebu.

3 Iktar 'il quddiem l-"omm".

4 Iktar 'il quddiem l-"ewwel minuri".

5 Iktar 'il quddiem it-"tieni minuri"; iktar 'il quddiem ukoll, flimkien mal-ewwel minuri, iż-"żewġt itfal il-kbar".

6 Iktar 'il quddiem it-"tarbija".

7 Iktar 'il quddiem il-"missier"; iktar 'il quddiem ukoll, flimkien mal-omm, il-"ġenituri".

8 Iktar 'il quddiem l-"HCC".

9 Il-Freedom Programme; ara http://www.freedomprogramme.co.uk/.

27. Madankollu, matul l-ewwel sitt xhur tas-sena 2017, iż-żewġt itfal il-kbar reġgħu ddaħħlu fi pjan ta' sorveljanza mill-HCC għar-raġuni ewlenija ta' negliġenza tal-kundizzjonijiet tal-għajxien tat-tfal u tal-kundizzjonijiet ta' iġjene fid-dar. Barra minn hekk, l-HCC kien imħasseb dwar il-fatt li l-omm kienet bdiet relazzjoni mal-missier lejn l-aħħar tas-sena 2016, minkejja li dan u s-sieħba preċedenti tiegħu kienu tilfu l-kustodja ta' wliedhom minħabba li wieħed minn dawn it-tfal safa' mweġġa' b'mod mhux aċċidentali u ma setax ikun eskluż li l-missier kien l-aggressur, għalkemm il-pulizija ma setgħetx tipprova dan. L-HCC esprima t-tħassib tiegħu ukoll minħabba l-fatt li l-ewwel minuri kien qal li l-missier kien tah daqqa fuq il-warrani u ma kienx ċar jekk dan kienx seħħ waqt li kienu qed jilagħbu bil-goff bejniethom jew inkella kienx minħabba kastig mhux xieraq.

28. Mingħajr qatt ma semma l-possibbiltà tal-adozzjoni taż-żewġ itfal il-kbar, l-HCC ikkunsidra d-diversi opzjonijiet ta' tqegħid tagħhom, fosthom it-tqegħid tagħhom f'familja foster, ma' omm ommhom jew mal-missirijiet rispettivi tagħhom. F'dan il-kuntest, l-HCC ikkunsidra li t-tfal kienu żgħar wisq biex l-opinjoni tagħhom setgħet tittieħed inkunsiderazzjoni. L-HCC innota wkoll li l-omm kienet indikat li jekk jiġi deċiż li t-tfal ma jistgħux jibqgħu magħha, hija tixtieq li jitqiegħdu ma' ommha, jiġifieri man-nanna min-naħa ta' ommhom.

29. Jirriżulta, barra minn hekk, mir-rapporti tal-HCC kif ukoll mir-rapporti pprovduti mill-iskola tal-ewwel minuri u miċ-ċentru li jieħu ħsieb it-tfal żgħar tat-tieni minuri li ż-żewġt itfal il-kbar kellhom relazzjoni tajba ma' nannithom u li l-kundizzjonijiet tagħhom kienu tjiebu minn meta nannithom bdiet tgħin lill-ommhom u twassalhom l-iskola u ċ-ċentru li jieħu ħsieb it-tfal żgħar filgħodu. Minbarra dan, jirriżulta mir-rapporti pprovduti mill-iskola tal-ewwel minuri u miċ-ċentru li jieħu ħsieb it-tfal żgħar tat-tieni minuri matul is-sajf tal-2017, b'mod partikolari, li dawn it-tfal kienu soċjevoli u kellhom relazzjoni ta' affezzjoni ma' ommhom. Fl-aħħar nett, dawn ir-rapporti juru li l-ġenituri kienu rreaġixxew u fittxew pariri biex itejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien u l-iġjene kkritikati mis-servizzi soċjali, li fil-fatt kien wassal għal titjib fl-imsemmija kundizzjonijiet.

30. Fit-30 ta' Ġunju 2017, il-Family Court ta' Portsmouth (il-Qorti tal-Familja ta' Portsmouth, ir-Renju Unit) adottat ordni ta' teħid ta' responsabbiltà provviżorja (*interim care order*) favur l-HCC fir-rigward taż-żewġt itfal il-kbar. Din l-ordni kienet tagħti l-awtorità tal-ġenituri lill-HCC u kienet tinkludi, *inter alia*, il-projbizzjoni li t-tfal jitneħħew mir-Renju Unit. Minkejja l-pjanijiet ta' tqegħid tal-HCC, it-tfal tħallew mal-ġenituri għall-ewwel. Waqt is-seduta fil-kuntest ta' din il-proċedura, il-persuna li tirrappreżenta l-interessi tal-minuri [10] qalet li ma kinitx taqbel mal-pjan tal-HCC għat-tqegħid tal-minuri.

31. Skont l-affermazzjonijiet tal-HCC, f'Awwissu tal-2017, din l-amministrazzjoni informat lill-ġenituri dwar l-intenzjoni tagħha li tikseb deċiżjoni ġudizzjarja dwar il-kustodja tat-tarbija ladarba din titwieled. L-HCC avża wkoll lill-ġenituri li kien ser joġġezzjona għal kwalunkwe kuntatt mhux issorveljat tal-missier mat-tarbija.

32. It-tarbija twieldet fl-isptar fil-bidu tax-xahar ta' Settembru 2017 u l-omm u t-tarbija marru lura d-dar fl-istess jum tat-twelid jew l-għada [11].

33. L-għada jew jumejn wara t-twelid tat-tarbija [12], ħaddiema soċjali tal-HCC marru d-dar tal-ġenituri u informawhom dwar it-tibdil fil-pjan ta' teħid ta' responsabbiltà tal-minuri mill-HCC, li kien jikkonsisti fit-tneħħija tat-tfal mingħand il-ġenituri tagħhom. Barra minn hekk, wieħed mill-ħaddiema soċjali u l-ġenituri ffirmaw ftehim li kien jgħid li l-missier kellu jitlaq mid-dar dakinhar stess filgħaxija u ma jkollux iktar kuntatt mat-tfal mingħajr ma jinforma minn qabel lill-HCC sa l-eżitu tal-proċeduri ġudizzjarji.

10 "Cafcass Guardian", inkarigata bl-eżami tal-pjan tal-awtorità lokali u sabiex tiżgura li d-deċiżjonijiet jittieħdu fl-aħjar interessi tal-minuri kkonċernati, ara https://www.cafcass.gov.uk/grown-ups/parents-and-carers/care-proceedings/cafcass-role-care-proceedings/.

11 Ma huwiex għalkollox ċar jekk ir-ritorn lura d-dar seħħx fl-istess jum jew l-għada tat-twelid tat-tarbija.

12 Ma huwiex għalkollox ċar jekk din iż-żjara saritx l-għada jew jumejn wara t-twelid tat-tarbija.

34. L-omm, li dak iż-żmien kellha 23 sena, għaldaqstant, sabet ruħha d-dar waħedha b'tarbija ta' jum jew jumejn kif ukoll biż-żewġt itfal il-kbar ta' tlieta u ħames snin, bil-prospetti ta' proċeduri ġudizzjarji imminenti u li matulhom seta' jiġi deċiż li t-tfal tagħha ser jittiħdulha. Barra minn hekk l-omm affermat sussegwentement f'dikjarazzjoni maħlufa li f'dak il-mument hija ftakret f'konverżazzjoni li hija kien kellha qabel ma' ħaddiem soċjali tal-HCC u li matulha dan il-ħaddiem soċjali kien indika li fi kwalukwe każ iż-żewġt itfal il-kbar kienu kbar wisq biex jiġu adottati iżda li tarbija kienet faċli sabiex tiġi adottata.

35. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li, fil-5 jew fis-6 ta' Settembru 2017 [13], jiġifieri jumejn jew tlett ijiem wara t-twelid tat-tarbija, il-ġenituri telqu bil-vapur lejn l-Irlanda bit-tfal.

36. Meta waslu l-Irlanda, il-ġenituri krew dar, ħadu lit-tarbija għal viżta għand infermiera, irreġistraw lit-tfal ma' pedjatra u rreġistraw ukoll liż-żewġt itfal il-kbar fl-iskola. Barra minn hekk, il-familja kienet issorveljata mill-pulizija Irlandiża kif ukoll mis-servizzi Irlandiżi tal-protezzjoni tal-minuri (iċ-Child and Family Agency (l-Aġenzija għat-Tfal u għall-Familja, l-Irlanda), iktar 'il quddiem is-"CFA"), li ma sabu xejn ta' tħassib waqt id-diversi żjarat li għamlu fid-dar tal-familja.

37. Fis-6 ta' Settembru 2017, il-Family Court ta' Portsmouth (il-Qorti tal-Familja ta' Portsmouth, ir-Renju Unit) adottat ordni ta' teħid ta' responsabbiltà provviżorja (*interim care order*) favur l-HCC fir-rigward tat-tarbija.

38. Fit-8 ta' Settembru 2017, l-HCC ressaq applikazzjoni għal tqegħid taħt tutela tat-tliet minuri quddiem il-High Court of Justice (England & Wales), Family Division, Family Court at Portsmouth (il-Qorti Għolja tal-Ġustizzja (Ingilterra u Wales, Sezzjoni tal-Familja, il-Qorti tal-Familja ta' Portsmouth, ir-Renju Unit), iktar 'il quddiem il-"High Court Ingliża"). Din l-applikazzjoni ġiet innotifikata lir-rappreżentanti tal-ġenituri dakinhar stess. Ir-rappreżentant tal-missier imbagħad indika li ma kellux struzzjonijiet f'dak li jirrigwarda t-tqegħid taħt tutela u li ma kienx ser japplika għal għajnuna legali biex jieħu azzjoni fil-kuntest ta' din il-proċedura. Ir-rappreżentant tal-omm afferma li ried jitlob struzzjonijiet mingħandha iżda ma rnexxilux jikkuntattjaha bit-telefon.

39. Iktar tard fl-istess jum, il-High Court Ingliża adottat, fl-assenza tar-rappreżentanti tal-ġenituri, digriet li jiddikjara t-tqegħid taħt tutela ġudizzjarja tal-minuri u r-ritorn tagħhom lejn l-Ingilterra (iktar 'il quddiem id-"digriet tal-High Court Ingliża tat-8 ta' Settembru 2017").

40. Skont l-affermazzjonijiet tal-HCC, id-digriet tal-High Court Ingliża tat-8 ta' Settembru 2017 ġie nnotifikat lill-ġenituri fil-11 ta' Settembru 2017.

41. Fit-13 ta' Settembru 2017, id-District Court ta' Gorey (il-Qorti Distrettwali ta' Gorey, l-Irlanda) adottat ordnijiet ta' teħid ta' responsabbiltà provviżorji (*interim care orders*) favur is-CFA għat-tliet minuri, li kellhom jibqgħu fis-seħħ sas-26 ta' Settembru 2017. It-tfal tqiegħdu provviżorjament ma' familja foster fl-Irlanda.

42. Fil-21 ta' Settembru 2017, il-High Court (il-Qorti Għolja, l-Irlanda) (iktar 'il quddiem il-"High Court Irlandiża") adottat digriet rigward ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-digriet tal-High Court Ingliża tat-8 ta' Settembru 2017 (iktar 'il quddiem id-"digriet ta' *exequatur* tal-High Court Irlandiża tal-21 ta' Settembru 2017").

13 Ma huwiex għalkollox ċar jekk il-ġenituri waslux l-Irlanda fil-5 jew fis-6 ta' Settembru 2017.

43. Fl-istess jum tal-adozzjoni tad-digriet ta' *exequatur* tal-High Court Irlandiża tal-21 ta' Settembru 2017, is-servizzi tas-CFA ġabru lit-tfal mingħand il-familja foster li kienu tqiegħdu magħha provviżorjament u għaddewhom lill-ħaddiema soċjali tal-HCC fil-port tal-vapur ta' Rosslare (l-Irlanda). Imbagħad it-tfal ittieħdu lura fir-Renju Unit, fejn iż-żewġt itfal il-kbar tqiegħdu mal-missier tat-tieni minuri, filwaqt li t-tarbija tqiegħdet ma' familja foster.

44. Wara t-tluq tat-tfal, il-ġenituri ġew mgħarrfa dwar dan it-tluq b'telefonata mingħand ħaddiem tas-servizzi soċjali Ingliż. Id-digriet ta' *exequatur* tal-High Court Irlandiża tal-21 ta' Settembru 2017 imbagħad ġie nnotifikat lill-ġenituri fit-22 ta' Settembru 2017.

45. Fis-26 ta' Settembru 2017, il-ġenituri ppreżentaw rikors kontra d-digriet tal-High Court Ingliża tat-8 ta' Settembru 2017 quddiem il-Court of Appeal of England and Wales (il-Qorti tal-Appell, l-Ingilterra u Wales). Fid-9 ta' Ottubru 2017, din il-qorti rrifjutatilhom il-permess li jappellaw.

46. Fl-24 ta' Novembru 2017, ir-rappreżentanti tal-ġenituri ppreżentaw rikors quddiem il-High Court Irlandiża kontra d-digriet ta' *exequatur* tal-High Court Irlandiża tal-21 ta' Settembru 2017, li kien ġie nnotifikat lill-ġenituri fit-22 ta' Settembru 2017. Waqt is-seduta ta' din il-proċedura, ir-rappreżentanti tal-ġenituri indikaw li d-dewmien ta' 48 siegħa qabel ma ġie ppreżentat ir-rikors ma kienx attribwibbli lill-ġenituri.

47. Fil-21 ta' Diċembru 2017, il-High Court Ingliża adottat ordni ta' tqegħid (*placement order*) li tawtorizza lill-HCC jidentifika ġenituri adottivi għat-tarbija u jqegħedha magħhom.

48. Fit-18 ta' Jannar 2018, il-High Court Irlandiża ċaħdet ir-rikors tal-ġenituri kontra d-digriet ta' *exequatur* tal-High Court Irlandiża tal-21 ta' Settembru 2017, billi kkunsidrat li hija ma kellhiex il-kompetenza sabiex testendi t-terminu għall-preżentata ta' rikors.

49. Il-ġenituri appellaw minn din iċ-ċaħda quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Court of Appeal (il-Qorti tal-Appell, l-Irlanda).

50. Fil-kuntest ta' din il-proċedura, l-HCC informa lill-qorti tar-rinviju li, minħabba limitazzjonijiet baġitarji, ma kellux l-intenzjoni li jipparteċipa fil-proċedura. Barra minn hekk, huwa indika lill-qorti tar-rinviju li fi kwalunkwe każ ma kellux l-intenzjoni li jirritorna lit-tfal, irrispettivament mill-eżitu tal-proċedura pendenti quddiemha.

51. Fis-17 ta' Mejju 2018, il-qorti tar-rinviju ppreżentat ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari fil-Kawża C-325/18 PPU.

52. Fit-23 ta' Mejju 2018, il-ġenituri ppreżentaw rikors għal miżuri provviżorji quddiem il-qorti tar-rinviju, intiż sabiex din tagħti ordni lill-HCC biex huwa jieqaf milli jkompli bil-proċedura ta' adozzjoni tat-tarbija u biex ma jibdiex il-proċedura ta' adozzjoni għaż-żewġt itfal il-kbar.

53. Minkejja li lanqas ma pparteċipa għal din l-aħħar proċedura, l-HCC ippreżenta dikjarazzjoni fil-għodwa tas-seduta tal-miżuri provviżorji, jiġifieri fid-29 ta' Mejju 2018. F'din id-dikjarazzjoni, huwa enfasizza li kien qed jipproponi l-adozzjoni biss tat-tarbija. Huwa indika li minħabba l-età taż-żewġt itfal l-oħra, it-tqegħid tagħhom ma' ġenitur – jiġifieri missier it-tieni minuri – kif ukoll ir-relazzjoni fraterna b'saħħitha ta' bejniethom, ma hemm l-ebda raġuni biex tinbeda proċedura ta' adozzjoni. Jekk it-tqegħid ma' missier it-tieni minuri kellu jintemm, il-pjan ta' teħid ta' responsabbiltà jkun imbagħad tqegħid ma' familja foster fit-tul.

54. Fis-7 ta' Ġunju 2018, il-qorti tar-rinviju ppreżentat ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari fil-Kawża C-375/18 PPU.

IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u d-domandi preliminari

55. B'att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta' Mejju 2018, il-Court of Appeal (il-Qorti tal-Appell, l-Irlanda) iddeċidiet, fil-kuntest tal-proċedura ta' appell pendenti quddiemha, li titlob l-applikazzjoni tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari u li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin (Kawża C 325/18 PPU):

"1) Meta jkun hemm allegazzjoni li tfal ikunu ttieħdu illegalment mill-pajjiż ta' residenza abitwali tagħhom b'inizjattiva tal-ġenituri tagħhom u/jew membri oħra tal-familja bi ksur ta' deċiżjoni ġudizzjarja miksuba minn awtorità pubblika tal-Istat ikkonċernat, din l-awtorità pubblika tista' titlob li kull deċiżjoni ġudizzjarja li tirrikjedi r-ritorn tat-tfal lejn il-pajjiż inizjali tiġi infurzata mill-qrati ta' Stat Membru ieħor konformement mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 jew dan ikun jikkostitwixxi evitar illegali tal-Artikolu 11 ta' dan ir-regolament u tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 jew ukoll ikun jikkostitwixxi abbuż ta' dritt jew ta' liġi min-naħa tal-awtorità kkonċernata?

2) F'kawża li tirrigwarda l-infurzar tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, il-qorti adita għandha ġurisdizzjoni testendi t-terminu għall-preżentata ta' appell previst fl-Artikolu 33(5) fejn id-dewmien essenzjalment ikunu minimi u fejn estensjoni tat-terminu setgħet madankollu tingħata skont id-dritt nazzjonali proċedurali?

3) Mingħajr ħsara għad-domanda 2), meta awtorità pubblika ta' Stat terz tneħħi tfal, bħal fil-każ tal-kawża prinċipali, mit-territorju ta' Stat Membru bis-saħħa ta' deċiżjoni ta' infurzar magħmula *ex parte* konformement mal-Artikolu 31 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 iżda qabel in-notifika ta' tali deċiżjoni lill-ġenituri, fejn għaldaqstant jiġu miċħuda mid-dritt tagħhom li jitolbu sospensjoni mill-eżekuzzjoni ta' tali deċiżjoni sakemm jinstema' l-appell, tali aġir jippreġudika t-tifsira essenzjali tad-dritt li l-ġenituri jisiltu mill-Artikolu 6 KEDB jew l-Artikolu 47 tal-Karta b'tali mod li estensjoni tat-terminu għall-preżentata ta' rikors (għall-iskopijiet tal-Artikolu 33(5) ta' dan ir-regolament) għandha tingħata?"

56. Barra minn hekk, b'att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta' Ġunju 2018, il-Court of Appeal (il-Qorti tal-Appell, l-Irlanda) għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja, filwaqt li talbet ukoll l-applikazzjoni tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari (Kawża C-375/18 PPU):

"Huwa kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, li l-qrati ta' Stat Membru wieħed joħorġu ordni interlokutorja (miżuri kawtelatorji) indirizzata *in personam* lill-aġenzija pubblika ta' Stat Membru ieħor, liema ordni tipprojbixxi lil din l-aġenzija milli torganizza l-adozzjoni ta' tfal fil-qrati ta' dan l-Istat Membru l-ieħor f'sitwazzjoni fejn l-ordni maħruġa *in personam* tirriżulta mill-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet tal-partijiet fi proċeduri ta' eżekuzzjoni taħt il-Kapitolu III tar-Regolament Nru 2201/2003?"

57. Wara l-laqgħa amministrattiva tal-11 ta' Ġunju 2018, l-Ewwel Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tgħaqqad dawn il-kawżi u tissottomettihom għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari prevista fl-Artikolu 107 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

58. Fil-kuntest tal-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-ġenituri, l-HCC, il-Kummissjoni Ewropea kif ukoll il-Gvernijiet tal-Irlanda u tar-Renju Unit ppreżentaw osservazzjonijiet u l-Gvern tar-Renju Unit irrisponda għal domandi magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja. Dawn l-istess partijiet, flimkien mal-Gvern Ċek u dak Pollakk, ipparteċipaw fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2018.

V. Evalwazzjoni

A. Fuq l-ammissibilità tar-rinviji għal deċiżjoni preliminari

59. Mill-kronoloġija tal-kawża prinċipali jirriżulta li r-ritorn tat-tfal fl-Ingilterra sar qabel in-notifika tad-digriet ta' *exequatur* tal-High Court Irlandiża lill-ġenituri. Għaldaqstant dawn setgħu jippreżentaw ir-rikors tagħhom kontra l-imsemmi digriet biss wara l-eżekuzzjoni tiegħu.

60. F'dawn iċ-ċirkustanzi, tista' tqum id-domanda dwar jekk it-tilwima fil-kawża prinċipali tkomplix teżisti u, konsegwentement, dwar l-ammissibilità ta' dawn id-domandi preliminari.

61. Madankollu, mill-istruttura tar-Regolament Nru 2201/2003 jirriżulta li deċiżjoni ta' *exequatur* normalment għandha tiġi nnotifikata lill-parti li kontra tagħha tintalab l-eżekuzzjoni qabel l-eżekuzzjoni sabiex din il-parti tkun tista' tippreżenta rikors fil-ħin sabiex tipprevjeni l-eżekuzzjoni [14].

62. Madankollu, dan ma jfissirx b'mod kuntrarju li, meta l-eżekuzzjoni tkun seħħet qabel in-notifika tad-deċiżjoni ta' *exequatur*, rikors kontra l-imsemmija deċiżjoni jisfa bla skop [15].

63. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tabilħaqq enfasizzat waqt is-seduta li r-Regolament Nru 2201/2003 ma jipprevedix proċedura speċifika li tobbliga lill-qrati Ingliżi jieħdu inkunsiderazzjoni eventwali annullament tad-deċiżjoni ta' *exequatur* mill-qorti tar-rinviju.

64. Madankollu, kif iddikjara l-Gvern tar-Renju Unit, f'sitwazzjoni bħal din, il-ġenituri jistgħu jippreżentaw rikors fl-Ingilterra u, abbażi tal-korteżija internazzjonali (*international comity*), il-qrati Ingliżi ma jinjorawx id-deċiżjoni tal-qorti Irlandiża u għall-kuntrarju jagħtu importanza kbira lill-motivi tagħha. Barra minn hekk, kif innotaw ukoll il-Gvern tar-Renju Unit u r-rappreżentant tal-HCC, ir-ritorn tat-tfal fl-Ingilterra ma huwiex xi ħaġa li ma tistax titreġġa' lura u, bla ħsara għat-teħid inkunsiderazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal, huma jistgħu, fejn xieraq, assolutament jittieħdu lura l-Irlanda. Il-Gvern tar-Renju Unit u r-rappreżentant tal-HCC indikaw ukoll li dawn it-tneħħijiet-ritorni jseħħu ta' spiss, b'mod partikolari fl-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Den Haag bejn ir-Renju Unit u l-Istati Uniti tal-Amerika.

65. Minn dan isegwi li ma jistax ikun hemm dubju dwar il-kontinwità tat-tilwima fil-kawża prinċipali u, għaldaqstant, dwar l-ammissibilità tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari.

B. Fuq l-ewwel domanda preliminari fil-Kawża C-325/18 PPU

66. Permezz tal-ewwel domanda tagħha fil-Kawża C-325/18 PPU, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, meta jkun hemm allegazzjoni li tfal ikunu tneħħew illegalment, deċiżjoni ta' qorti tal-Istat Membru tar-residenza abitwali li tordna r-ritorn ta' dawn it-tfal tistax tiġi ddikjarata li għandha saħħa eżekuttiva fl-Istat Membru ta' rifuġju skont id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Kapitolu III tar-Regolament Nru 2201/2003, jew jekk dan jikkostitwixxix evitar tal-proċedura speċifika prevista għall-każijiet ta' tneħħija ta' minuri mill-Konvenzjoni ta' Den Haag, flimkien mal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2201/2003 (iktar 'il quddiem ukoll il-"proċedura Den Haag").

67. Il-ġenituri kif ukoll il-qorti tar-rinviju donnhom iqisu li teżisti, fil-każ ta' tneħħija ta' minuri minn Stat Membru għal ieħor, relazzjoni ta' sussidjarjetà bejn il-proċedura Den Haag u l-proċedura normali ta' rikonoxximent u ta' *exequatur* ta' deċiżjonijiet li jirrigwardaw ir-responsabbiltà tal-ġenituri prevista mir-Regolament Nru 2201/2003.

14 Ara l-punti 118 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.

15 Ara, f'dan is-sens, il-pożizzjoni tiegħi fil-kawża Health Service Executive (C-92/12 PPU, EU:C:2012:177, punti 56 u 57).

68. L-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2201/2003, moqri flimkien mal-Konvenzjoni ta' Den Haag, jippermetti lil persuna li tallega li minuri tneħħa illegalment lejn Stat Membru ieħor tapplika mal-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva kompetenti ta' dan l-Istat Membru sabiex din tordna r-ritorn tal-minuri. Jekk qorti tal-Istat Membru fejn jinsab il-minuri tirrifjuta, skont l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag, li tordna dan ir-ritorn [16], l-Artikolu 11(8) tar-Regolament Nru 2201/2003 jippermetti lil qorti li għandha ġurisdizzjoni taħt l-imsemmi regolament li tadotta deċiżjoni li tordna r-ritorn, li mbagħad tkun, mingħajr bżonn ta' proċedura ta' *exequatur*, direttament infurzabbli, fl-Istat Membru ta' rifuġju jekk tkun ġiet adottata u ċċertifikata konformi mal-proċedura prevista [17].

69. F'dan il-każ, huwa stabbilit li l-HCC ma użax din il-proċedura u li għalhekk ma kienx hemm deċiżjoni li tordna r-ritorn tal-minuri fis-sens tal-Artikolu 11(8) tar-Regolament Nru 2201/2003. Kif ikkonferma waqt is-seduta, l-HCC ma għażilx din il-proċedura, b'mod partikolari, peress li din hija miftuħa biss fil-każ ta' tneħħija illegali ta' minuri bi ksur ta' dritt ta' kustodja [18]. Madankollu, meta l-familja marret l-Irlanda, l-HCC kien ċert li kellu drittijiet ta' kustodja biss fir-rigward taż-żewġt itfal il-kbar. Għaldaqstant ma kienx ċert li t-tneħħija tat-tarbija setgħet titqies bħala illegali fis-sens tad-dispożizzjonijiet rilevanti [19].

70. Huwa għalhekk li l-HCC talab direttament lill-High Court Ingliża biex tqiegħed lit-tfal taħt tutela ġudizzjarja u li tordna r-ritorn tagħhom fl-Ingilterra, qabel ma ressaq talba, skont l-Artikolu 28 tar-Regolament Nru 2201/2003, għal dikjarazzjoni tas-saħħa eżekuttiva tad-digriet tal-High Court Ingliża fil-High Court Irlandiża.

1. Il-possibbiltà li jintalab l-exequatur ta' deċiżjoni li tikkonċerna r-responsabbiltà tal-ġenituri skont ir-Regolament Nru 2201/2003, indipendentement mill-proċedura Den Haag

71. Ir-Regolament Nru 2201/2003 jipprevedi żewġ opzjonijiet distinti għall-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet mogħtija minn qrati ta' Stati Membri oħrajn: minn naħa, il-proċedura ġenerali ta' applikazzjoni għal *exequatur* skont it-Taqsima 2 tal-Kapitolu III (Artikolu 28 *et seq*.) u, min-naħa l-oħra, il-proċedura speċifika tad-deċiżjonijiet li għandhom direttament saħħa eżekuttiva fi Stat Membru ieħor mingħajr il-ħtieġa ta' *exequatur* skont it-Taqsima 4 tal-Kapitolu III (Artikolu 40 *et seq*.). Din it-tieni opzjoni hija applikabbli biss għad-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 11(8) [20], tar-Regolament 2201/2003, jiġifieri d-deċiżjonijiet ta' ritorn adottati wara l-implimentazzjoni tal-proċedura Den Haag minn qorti li għandha ġurisdizzjoni wara deċiżjoni li ma jsirx ritorn ta' qorti tal-Istat Membru fejn jinsab il-minuri.

72. Issa, skont l-Artikolu 40(2) tar-Regolament Nru 2201/2003, id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 4 tal-Kapitolu III (dwar is-saħħa eżekuttiva ta' deċiżjonijiet ta' ritorn meħudin wara l-ikkompletar tal-proċedura Den Haag) ma jipprekludux lil min għandu r-responsabbiltà tal-ġenituri milli jitlob ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsimiet 1 u 2 tal-imsemmi kapitolu.

16 It-teħid ta' tali deċiżjoni li ma jsirx ir-ritorn huwa prerekwiżit għall-applikazzjoni tal-proċedura ta' eżekuzzjoni speċifika tat-Taqsima 4 tal-Kapitolu III tar-Regolament Nru 2201/2003; ara s-sentenza tal-11 ta' Lulju 2008, Rinau (C-195/08 PPU, EU:C:2008:406, punt 74).

17 Ara l-premessi 17, 18 u 23 tar-Regolament Nru 2201/2003. Għal spjegazzjonijiet f'dan ir-rigward ara wkoll is-sentenzi tal-11 ta' Lulju 2008, Rinau (C-195/08 PPU, EU:C:2008:406, punti 61 *et seq*.) u tas-26 ta' April 2012, Health Service Executive (C-92/12 PPU, EU:C:2012:255, punti 116 *et seq*.. Ara wkoll il-pożizzjoni tiegħi fil-kawża Health Service Executive (C-92/12 PPU, EU:C:2012:177, punti 58, 72 *et seq*.).

18 Ara l-Artikoli 1(a), 3 u 12 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag, u l-Artikoli 2(11)(a) u 11(1) tar-Regolament Nru 2201/2003 (punti 7, 8, 9, 12 u 13 ta' dawn il-konklużjonijiet).

19 Meta saret it-tneħħija lejn l-Irlanda, kienu ġew adottati ordnijiet ta' teħid ta' responsabbiltà provviżorji favur l-HCC fir-rigward taż-żewġt itfal il-kbar (ara l-punt 30 ta' dawn il-konklużjonijiet); min-naħa l-oħra, kif ikkonferma r-rappreżentant tal-HCC waqt is-seduta, ma huwiex possibbli li jiġi stabbilit jekk l-ordni ta' teħid ta' responsabbiltà provviżorja għat-tarbija nkisbitx qabel jew wara t-tluq (ara l-punti 35 u 37 ta' dawn il-konklużjonijiet).

20 Kif ukoll għal ċerti deċiżjonijiet dwar id-dritt ta' aċċess, li ma humiex ikkonċernati f'dan il-kuntest.

73. Iċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali juru wkoll li jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn deċiżjoni li tagħti r-responsabbiltà tal-ġenituri lil persuna li tkun baqgħet fi Stat Membru tittieħed biss wara t-tneħħija ta' minuri lejn Stat Membru ieħor, b'mod li t-tneħħija ma tkunx illegali fis-sens tal-proċedura Den Haag. Ma huwiex konċepibbli li f'każ bħal dan ikun impossibbli għal tali persuna li titlob l-*exequatur* tad-deċiżjoni li tagħtiha r-responsabbiltà tal-ġenituri fl-Istat Membru ta' rifuġju skont ir-Regolament Nru 2201/2003.

74. Minn dan isegwi li ma jidhirx li persuna li tkun tixtieq tikseb ir-ritorn ta' minuri li tneħħa lejn Stat Membru ieħor għandha neċessarjament tipprova tikseb ordni għar-ritorn tiegħu permezz tal-proċedura Den Haag qabel ma tkun tista' tressaq, skont l-Artikolu 28 tar-Regolament Nru 2201/2003, applikazzjoni għal *exequatur* ta' deċiżjoni li tikkonċerna r-responsabbiltà tal-ġenituri tagħha mogħtija fi Stat Membru ieħor [21].

75. Id-dubji mqajma mill-ġenituri u mill-qorti tar-rinviju fir-rigward ta' din l-interpretazzjoni ma humiex konvinċenti.

76. B'dan il-mod, l-ewwel nett, ma nistax naqbel mal-opinjoni tal-qorti tar-rinviju li l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag joffri iktar raġunijiet għar-rifjut li jiġi ordnat ir-ritorn ta' minuri milli l-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 2201/2003 joffri raġunijiet għar-rifjut tar-rikonoxximent u tal-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri. Fil-fatt, ir-raġunijiet ta' rifjut u ta' nuqqas ta' rikonoxximent previsti minn dawn id-dispożizzjonijiet fil-biċċa l-kbira jikkoinċidu.

77. Dan huwa iktar u iktar minnu sa fejn ir-Regolament Nru 2201/2003 jattenwa l-motivi għal rifjut ta' ritorn previsti mill-Konvenzjoni ta' Den Haag meta din tiġi applikata, flimkien mal-imsemmi regolament, bejn l-Istati Membri tal-Unjoni: minn naħa, l-Artikolu 11(4) tar-Regolament Nru 2201/2003 jimmodera l-motiv għal rifjut previst fl-Artikolu 13(b) tal-Konvenzjoni ta' Den Haag. Min-naħa l-oħra, kif diġà ġie espost [22], qorti li għandha l-ġurisdizzjoni fuq il-mertu tista', skont l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2201/2003, tinjora deċiżjoni li ma jsirx ritorn mogħtija minn qorti fl-Istat Membru ta' rifuġju, minkejja li għandha, taħt l-Artikolu 42(2)(ċ) tal-imsemmi regolament, tieħu inkunsiderazzjoni l-motivi li wasslu għall-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni li ma jsirx ritorn.

78. Imbagħad, mill-Artikoli 11(7) u 42(2)(b) tar-Regolament Nru 2201/2003 effettivament jirriżulta li ma tistax tittieħed deċiżjoni ta' ritorn adottata skont l-Artikolu 11(8) tal-imsemmi regolament jekk il-partijiet ikkonċernati ma jkunux ingħataw l-opportunità li jinstemgħu. Madankollu, mill-Artikolu 31(2), moqri flimkien mal-Artikoli 23 u 33 tar-Regolament Nru 2201/2003, jirriżulta li deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri lanqas ma tista' tiġi ddikjarata li għandha saħħa eżekuttiva fi Stat Membru ieħor jekk il-persuna li kontriha ntalbet l-eżekuzzjoni ma kellhiex l-opportunità li tinstema' [23]. Għalhekk ma jistax jiġi dedott mill-fatt li dawn id-dispożizzjonijiet tal-aħħar ma ġewx osservati f'dan il-każ [24] li l-proċedura normali tal-*exequatur* ta' deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri prevista fl-Artikoli 28 *et seq*. tar-Regolament Nru 2201/2003 tipproteġi, b'mod ġenerali, inqas id-drittijiet tal-konvenut fl-eżekuzzjoni mill-proċedura prevista fl-Artikoli 11, 40 u 42 tal-imsemmi regolament.

21 Fil-kawżi li taw lok għas-sentenzi tat-22 ta' Diċembru 2010, Mercredi (C-497/10 PPU, EU:C:2010:829, punti 62 *et seq*.), u tad-9 ta' Ottubru 2014, C (C-376/14 PPU, EU:C:2014:2268, punti 62 *et seq*.), il-partijiet kienu barra minn hekk irrikorrew għaż-żewġ proċeduri b'mod parallel, u l-Qorti tal-Ġustizzja ma kkritikatx dan l-approċċ.

22 Ara l-punt 68 ta' dawn il-konklużjonijiet.

23 Ara l-punti 118 *et seq*. ta' dawn il-konklużjonijiet.

24 Ara l-punti 121 *et seq*. ta' dawn il-konklużjonijiet.

79. Fl-aħħar nett, ma jistax jiġi dedott argument mill-fatt li ċerti verżjonijiet lingwistiċi tar-Regolament Nru 2201/2003[25] jippreżentaw differenza fil-formulazzjoni bejn l-Artikoli 21 u 28 fir-rigward tas-suġġett tal-applikazzjoni għal *exequatur*. Għalhekk, għalkemm l-Artikolu 21 jistipula li "sentenza mogħtija fi Stat Membru" (jiġifieri skont id-definizzjoni tal-Artikolu 2(4), kull sentenza tirrigwarda r-responsabbiltà tal-ġenituri) għandha tiġi rrikonoxxuta fl-Istati Membri l-oħra, l-Artikolu 28 tal-verżjonijiet lingwistiċi kkonċernati jipprevedi l-applikazzjoni ta' *exequatur* biss għal "sentenza dwar *l-eżerċitar*[26] tar-responsabbilità ta' l-ġenituri dwar il-minuri mogħtija fi Stat Membru". Madankollu, mhux biss din id-differenza ma hijiex preżenti fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha tar-Regolament Nru 2201/2003, iżda, barra minn hekk, hija tirrifletti biss il-fatt li huma prinċipalment id-deċiżjonijiet dwar l-eżerċizzju tar-responsabbiltà tal-ġenituri li jeħtieġu miżuri ta' eżekuzzjoni u għalhekk jeħtieġu deċiżjoni ta' *exequatur*. Min-naħa l-oħra, għad-deċiżjonijiet dwar l-għoti, id-delega jew l-irtirar tar-responsabbiltà tal-ġenituri, ir-rikonoxximent waħdu jista' jkun suffiċjenti. Madankollu dan ma jfissirx li applikazzjoni għal *exequatur* hija eskluża fir-rigward ta' deċiżjonijiet bħal dawn li neċessarjament ukoll jistgħu, fejn xieraq, ikunu suġġetti għal eżekuzzjoni forzata.

80. B'hekk, b'mod partikolari, fil-każ ta' tneħħija ta' minuri mill-Istat Membru tar-residenza abitwali tiegħu lejn Stat Membru ieħor, deċiżjoni ta' qorti tal-Istat Membru ta' oriġini li tagħti r-responsabbiltà tal-ġenituri u d-dritt ta' kustodja lil ġenitur li baqa' f'dak l-Istat Membru tista' tkun is-suġġett ta' eżekuzzjoni forzata fis-sens li, jekk il-ġenitur li ħa lill-minuri ma "jirritornax" lill-imsemmi minuri, l-assistenza tal-awtoritajiet pubbliċi tkun meħtieġa biex il-minuri jiġi rkuprat u meħud lura. Dan huwa iktar u iktar minnu sa fejn, skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament Nru 2201/2003, id-"drittijiet ta' kustodja" fis-sens tal-imsemmi regolament jinkludu, fost l-oħrajn, id-dritt li jiġi deċiż il-post ta' residenza tal-minuri[27].

81. Din l-interpretazzjoni hija sostnuta mill-kliem taċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 39 tar-Regolament Nru 2201/2003, li l-mudell tiegħu jinstab fl-Anness II tal-imsemmi regolament. Ċertifikat bħal dan, li mtela wkoll f'dan il-każ mill-High Court Ingliża, għandu jiġi ppreżentat, skont l-Artikolu 37(1)(b) tar-Regolament Nru 2201/2003, mill-parti li qiegħda titlob l-*exequatur* ta' deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri. Issa, il-punt 11 ta' din il-formola jipprevedi speċifikament il-possibbiltà li wieħed jindika jekk "[i]s-Sentenza tinvolvi[x] r-ritorn tal-wild" kif ukoll l-isem u l-indirizz tal-persuna li lilha għandu jerġa' jingħata l-wild. Barra minn hekk, dan il-punt 11 jindika b'mod espliċitu li "[d]in il-possibiltà hija prevista taħt l-Artikolu 40(2)".

82. Dan jikkonferma li l-leġiżlatur effettivament ippreveda deċiżjonijiet dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri li jinvolvu r-ritorn ta' minuri lejn Stat Membru ieħor u li l-*exequatur* tagħhom jista' jintalab indipendentement mill-użu tal-proċedura Den Haag prevista fl-Artikoli 11, 40 u 42 tal-imsemmi regolament.

25 Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, tal-verżjonijiet bil-lingwa Ingliża ("[a] judgment on the exercise of parental responsibility in respect of a child given in a Member State"); bil-lingwa Franċiża ("[l]es décisions rendues dans un État membre sur l'exercice de la responsabilité parentale à l'égard d'un enfant"); bil-lingwa Spanjola ("[l]as resoluciones dictadas en un Estado miembro sobre el ejercicio de la responsabilidad parental con respecto a un menor"); bil-lingwa Taljana ("[l]e decisioni relative all'esercizio della responsabilità genitoriale su un minore"); bil-lingwa Portuġiża ("[a]s decisões proferidas num Estado-Membro sobre o exercício da responsabilidade parental relativa a uma criança"), jew bil-lingwa Olandiża ("[b]eslissingen betreffende de uitoefening van de ouderlijke verantwoordelijkheid voor een kind"). Min-naħa l-oħra, f'verżjonijiet lingwistiċi oħra tar-Regolament Nru 2201/2003, l-Artikolu 28 ma jagħmilx tali differenza, ara b'mod partikolari l-verżjonijiet bil-lingwa Ġermaniża ("[d]ie in einem Mitgliedstaat ergangenen Entscheidungen über die elterliche Verantwortung für ein Kind"); bil-lingwa Daniża ("[e]n i en medlemsstat truffet retsafgørelse om forældreansvar over for et barn"); bil-lingwa Ċeka ("[v]ýkon rozhodnutí o výkonu rodičovské zodpovědnosti ve vztahu k dítěti vydaných v členském státě"), jew bil-lingwa Estonjana (" [l]apse suhtes vanemlikku vastutust käsitlevat kohtuotsust, mis on tehtud liikmesriigis ja on selles liikmesriigis täitmisele pööratav ning kätte antud").

26 Enfasi miżjuda minni.

27 Ara, dwar dan il-punt, il-pożizzjoni tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża Rinau (C-195/08 PPU, EU:C:2008:377, punti 52 *et seq.*).

2. L-impossibbiltà li tintalab, taħt ir-Regolament Nru 2201/2003, l-exequatur ta' deċiżjoni li tordna r-ritorn ta' minuri mhux relatata ma' deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri

83. Għandha ssir distinzjoni bejn id-deċiżjonijiet li jinvolvu jew jordnaw ir-ritorn ta' minuri lejn l-Istat Membru ta' oriġini bħala konsegwenza ta' deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri, minn naħa, u d-deċiżjonijiet li jordnaw ir-ritorn ta' persuna, f'dan il-każ minuri, lejn it-territorju ta' Stat Membru indipendentement minn deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri, min-naħa l-oħra: iż-żewġ tipi ta' deċiżjonijiet jistgħu jinvolvu r-ritorn tal-minuri lejn l-Istat Membru tal-oriġini, iżda tal-ewwel biss jistgħu jiġu ddikjarati li għandhom saħħa eżekuttiva fl-Istat Membru mitlub skont it-Taqsima 2 tal-Kapitolu III tar-Regolament Nru 2201/2003.

84. B'dan il-mod, ċertament ma huwiex esklużż li l-qrati tal-Istati Membri jistgħu, abbażi tad-dritt nazzjonali tagħhom, jordnaw ir-ritorn ta' minuri lejn it-territorju tagħhom indipendentement mit-teħid ta' deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri [28].

85. Madankollu, jekk dan ma jikkostitwixxix deċiżjoni ta' ritorn adottata skont l-Artikolu 11(8) tar-Regolament Nru 2201/2003 (jiġifieri deċiżjoni adottata wara l-ikkompletar tal-proċedura Den Haag), din l-ordni ta' ritorn ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tar-Regolament Nru 2201/2003.

86. Fil-fatt, skont l-Artikolu 1(1)(b), dan ir-regolament japplika, tkun xi tkun in-natura tal-qorti jew tribunal, f'materji *ċivili* [29] b'mod partikolari, dwar l-attribuzzjoni, l-eżerċizzju, id-delegazzjoni u t-terminazzjoni tar-responsabbilità tal-ġenituri. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tabilħaqq indikat li l-kunċett ta' "materji ċivili" f'dan il-kuntest ma għandux jinftiehem b'mod restrittiv [30] u jinkludi, fost l-oħrajn, miżuri tal-Istat għall-protezzjoni tat-tfal, bħat-tqegħid f'istitut tat-tfal [31] jew f'istituzzjoni ta' kura taħt sigurtà [32]

87. Madankollu, miżura Statali ta' protezzjoni tal-minuri bħal din hija dejjem marbuta mal-eżerċizzju tar-responsabbiltà tal-ġenituri u għaldaqstant għandha tiġi distinta minn miżura li tordna r-ritorn ta' persuna, f'dan il-każ minuri, lejn it-territorju tal-qorti kkonċernata barra minn kwalunkwe deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri. Fil-fatt, l-iskop ta' tali miżura huwa [33] l-eżerċizzju mill-Istat Membru kkonċernat tas-setgħa tal-pulizija li jmur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003 [34].

88. Minn dak li ntqal hawn fuq jirriżulta li, barra mill-każijiet imsemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2201/2003, deċiżjoni ġudizzjarja li tordna r-ritorn ta' minuri lejn it-territorju tal-qorti kkonċernata indipendentement minn deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi regolament. Għaldaqstant, deċiżjoni bħal din ma tistax tiġi ddikjarata li għandha saħħa eżekuttiva skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu III ta' dan ir-regolament.

28 L-Artikoli 18, 29 u 34 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag jispeċifikaw li din ma tipprekludihomx milli jagħmlu dan.

29 Enfasi miżjuda minni.

30 Ara s-sentenzi tas-27 ta' Novembru 2007, C (C-435/06, EU:C:2007:714, punti 46 *et seq.*), u tal-21 ta' Ottubru 2015, Gogova (C-215/15, EU:C:2015:710, punt 26). Ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża C (C-435/06, EU:C:2007:543, punti 33 *et seq.*) u l-pożizzjoni tiegħi fil-Kawża Health Service Executive (C-92/12 PPU, EU:C:2012:177, punti 10 *et seq.*).

31 Ara s-sentenzi tas-27 ta' Novembru 2007, C (C-435/06, EU:C:2007:714, punti 24 *et seq.*), u tat-2 ta' April 2009, A (C-523/07, EU:C:2009:225, punti 21 *et seq.*).

32 Ara s-sentenza tas-26 ta' April 2012, Health Service Executive (C-92/12 PPU, EU:C:2012:255, punti 56 *et seq.*).

33 Kif spjegat il-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex jiġi ddeterminat jekk talba taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003, wieħed għandu jara l-għan tagħha: ara s-sentenza tal-21 ta' Ottubru 2015, Gogova (C-215/15, EU:C:2015:710, punt 28); ara wkoll, rigward ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU 2012, L 351, p. 1), kif emendat bir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/281 tas-26 ta' Novembru 2014 (ĠU 2015, L 54, p. 1) (imsejjaħ "Regolament Brussell Ia"), *ex multis*, is-sentenza tad-9 ta' Marzu 2017, Pula Parking (C-551/15, EU:C:2017:193, punt 34).

34 Ara dwar dan il-punt il-pożizzjoni tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-kawża Gogova (C-215/15, EU:C:2015:725, punti 39 *et seq.*).

3. Konklużjoni intermedja

89. Kif innotat il-qorti tar-rinviju, id-dispożittiv tad-digriet tal-High Court Ingliża tat-8 ta' Settembru 2017 huwa magħmul minn diversi elementi separati, jiġifieri, b'mod partikolari, it-tqegħid tal-minuri fl-iskema tat-tutela ġudizzjarja, l-ordni tar-ritorn tal-minuri lejn it-territorju tal-qorti Ingliża, il-permess li l-minuri jitqiegħdu taħt ir-responsabbiltà tas-servizzi Irlandiżi tat-tfal sakemm jiġi organizzat ir-ritorn tagħhom u t-tqegħid tal-minuri taħt ir-responsabbiltà tal-HCC wara dan ir-ritorn.

90. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina, abbażi tat-termini ta' dan id-digriet, kif ukoll fid-dawl taċ-ċirkustanzi l-oħra preżenti, jekk l-ordni tar-ritorn f'dan id-digriet setgħetx tibbenefika mill-proċedura ta' *exequatur* prevista fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu III tar-Regolament Nru 2201/2003.

91. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-risposta għall-ewwel domanda fil-Kawża C-325/18 PPU għandha tkun li, meta jkun hemm allegazzjoni li minuri jkunu tneħħew illegalment mill-Istat Membru tar-residenza abitwali tagħhom lejn Stat Membru ieħor, deċiżjoni li tordna r-ritorn ta' dawn il-minuri meħuda minn qorti tal-Istat Membru ta' oriġini barra mill-proċedura prevista fl-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2201/2003 u indipendentement minn deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri ma tistax tiġi eżegwita skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tal-imsemmi regolament. Madankollu, f'tali ċirkustanzi, deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri mogħtija minn qorti tal-Istat Membru ta' oriġini li tinvolvi r-ritorn tal-minuri lejn dan l-Istat Membru tista' tiġi eżegwita skont l-imsemmija dispożizzjonijiet.

C. Fuq it-tieni u t-tielet domandi preliminari fil-Kawża C-325/18 PPU u fuq id-domanda preliminari fil-Kawża C-375/18 PPU

92. It-tieni u t-tielet domandi fil-Kawża C-325/18 PPU u d-domanda fil-Kawża C-375/18 PPU huma rilevanti biss fl-ipoteżi fejn il-qorti tar-rinviju tiġi adita bi proċedura ta' rikors kontra deċiżjoni ta' *exequatur* skont ir-Regolament Nru 2201/2003. Fil-każ kuntrarju, il-kawża prinċipali ma tkunx taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex ġurisdizzjoni biex tirrispondi għad-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju [35].

93. Għaldaqstant, ir-risposti għat-tieni u t-tielet domandi fil-Kawża C-325/18 PPU u għad-domanda fil-Kawża C-375/18 PPU jingħataw fl-ipoteżi li l-qorti tar-rinviju tasal għall-konklużjoni li d-digriet tal-High Court Ingliża tat-8 ta' Settembru 2017 seta' jiġi ddikjarat li għandu saħħa eżekuttiva fl-Irlanda permezz tad-digriet ta' *exequatur* tal-High Court Irlandiża tal-21 ta' Settembru 2017 skont ir-Regolament Nru 2201/2003, u fl-ipoteżi li l-proċedura ta' rikors adita biha hija għalhekk irregolata mit-termini tal-imsemmi regolament.

1. Fuq it-terminu (it-tieni u t-tielet domandi preliminari fil-Kawża C-325/18 PPU)

94. Permezz tat-tieni u t-tielet domandi tagħha fil-Kawża C-325/18 PPU, li għandhom jiġu ttrattati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk, fil-każ li l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' *exequatur* tkun seħħet qabel in-notifika tal-imsemmija deċiżjoni, id-dritt tal-Unjoni jipprekludix li hija testendi t-terminu għall-preżentata ta' rikors kontra d-deċiżjoni ta' *exequatur* stipulat fl-Artikolu 33(5) tar-Regolament Nru 2201/2003.

35 Ma jidhirx li, f'dan il-każ, id-dritt nazzjonali jirreferi għall-kontenut tar-Regolament Nru 2201/2003 sabiex jiġu stabbiliti r-regoli applikabbli għal-sitwazzjoni rregolata biss mid-dritt nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat; ara, f'dan is-sens, id-digriet tat-12 ta' Mejju 2016, Sahyouni (C-281/15, EU:C:2016:343, punti 24 *et seq.* u l-ġurisprudenza ċċitata).

a) Osservazzjonijiet preliminari

95. Skont l-Artikolu 33(5) tar-Regolament Nru 2201/2003, it-terminu għall-preżentata ta' rikors kontra d-dikjarazzjoni li tikkonstata s-saħħa eżekuttiva huwa ta' xahar jew ta' xahrejn meta l-parti li kontriha tintalab l-eżekuzzjoni tkun abitwalment residenti fi Stat Membru differenti minn dak li fih ingħatat id-dikjarazzjoni.

96. F'dan il-każ huwa stabbilit li t-terminu għall-preżentata ta' rikors kien ta' xahrejn min-notifika tad-digriet ta' *exequatur* tal-High Court Irlandiża tal-21 ta' Settembru 2017[36], li l-imsemmi digriet ġie nnotifikat lill-ġenituri fit-22 ta' Settembru 2017[37] u li dawn ippreżentaw ir-rikors tagħhom kontra d-digriet fl-24 ta' Novembru 2017[38]. Il-qorti tar-rinviju għalhekk tibda mill-premessa li r-rikors tal-ġenituri ġie ppreżentat 48 siegħa tard.

97. Ċertament il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tikkontesta din il-premessa u l-evalwazzjonijiet tal-fatti tal-qorti tar-rinviju li fuqhom hija bbażata. Barra minn hekk, l-ebda waħda mill-partijiet ma tidher li tikkontesta l-fatt li d-data tal-bidu tat-terminu għall-preżentata ta' rikors kienet tabilħaqq id-data tan-notifika tad-digriet ta' *exequatur* tal-High Court Irlandiża tal-21 ta' Settembru 2017 lill-ġenituri, jiġifieri t-22 ta' Settembru 2017[39].

98. Madankollu, kif tinnota wkoll il-qorti tar-rinviju, il-proċess nazzjonali jinkludi *memorandum of appearance* tar-rappreżentant tal-ġenituri li jġib id-data tas-27 ta' Settembru 2017, stabbilit skont id-Digriet 12, Regola 9 tar-Rules of the Superior Courts (ir-Regoli tal-Proċedura tal-Qrati Superjuri) kif ukoll skont il-Formola Nru 1 tal-Parti II tal-Anness A msemmi fih. F'dan id-dokument, ir-rappreżentant tal-ġenituri jindika li rċieva l-*originating summons* u jitlob li tintbagħat *statement of claim*, li jidher li jirreferi għat-talba tal-HCC għal dikjarazzjoni tas-saħħa eżekuttiva lill-High Court Irlandiża sabiex tinkiseb l-*exequatur* tad-digriet tal-High Court Ingliża tat-8 ta' Settembru 2017.

99. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina dan l-element u tiddetermina jekk il-fatt, jekk wieħed jassumi li huwa pprovat, li l-ġenituri ma rċevewx it-talba tal-HCC għal dikjarazzjoni tas-saħħa eżekuttiva jew kwalunkwe dokument rilevanti ieħor meta saret in-notifika tad-digriet ta' *exequatur* tal-High Court Irlandiża tal-21 ta' Settembru 2017 għandux *effett fuq il-bidu tad-dekorrenza* tat-terminu għall-preżentata ta' rikors.

100. F'dan il-kuntest, ta' min ifakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali mogħtija lill-individwi mid-dritt tal-Unjoni teżiġi li dawn jingħataw motivazzjoni sħiħa sabiex jiddefendu ruħhom fl-aħjar kundizzjonijiet possibbli[40]. Barra minn hekk, fil-kuntest ta' rikors kontra atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li t-terminu għall-preżentata ta' rikors jibda jiddekorri biss mill-mument li fih il-persuna kkonċernata jkollha għarfien eżatt tal-kontenut u tal-motivi tal-att inkwistjoni b'mod li tkun tista' tibbenefika mid-dritt

36 Id-digriet ta' *exequatur* tal-High Court Irlandiża tal-21 ta' Settembru 2017 jispeċifika b'mod espliċitu li t-terminu għall-preżentata ta' rikors huwa ta' xahrejn min-notifika tal-imsemmi digriet.

37 Ara l-punt 44 ta' dawn il-konklużjonijiet.

38 Ara l-punt 46 ta' dawn il-konklużjonijiet.

39 Fis-seduta ġiet iċċarata konfużjoni mhux fuq *id-data tal-bidu tat-terminu*, iżda fuq *id-data tal-preżentata tar-rikors*, fl-osservazzjonijiet bil-miktub u orali tal-HCC: l-HCC kien indika bi żball li *notice of motion* kienet diġà tressqet fid-19 ta' Novembru 2017, li kienet tkun taqa' fit-terminu għall-preżentata ta' rikors ta' xahrejn kieku dan beda jiddekorri mit-22 ta' Settembru 2017; madankollu l-ġenituri kkonfermaw fis-seduta li din l-indikazzjoni kienet skorretta u li r-rikors tagħhom kien ġie ppreżentat biss fl-24 ta' Novembru 2017.

40 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Ottubru 1987, Heylens *et* (222/86, EU:C:1987:442, punt 15).

tagħha għal rikors [41]. Fl-aħħar nett, huwa utli li wieħed ifakkar il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li t-terminu għall-preżentata ta' rikors jista' jibda jiddekorri biss mill-mument li fih ir-rikorrenti jkunu effettivament f'pożizzjoni li jkunu jafu d-deċiżjoni tal-qorti *fil-forma sħiħa tagħha* [42].

101. Huwa biss jekk il-qorti tar-rinviju tasal, fuq il-bażi ta' dan l-eżami, għall-konklużjoni li r-rikors tal-ġenituri ġie ppreżentat barra miż-żmien, li tqum il-kwistjoni dwar jekk it-terminu stipulat fl-Artikolu 33(5) tar-Regolament Nru 2201/2003 jistax jiġi estiż f'każ fejn l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' *exequatur* tkun seħħet qabel in-notifika tal-imsemmija deċiżjoni lill-konvenut fl-eżekuzzjoni.

b) Fuq il-possibbiltà tal-estensjoni tat-terminu previst fl-Artikolu 33(5) tar-Regolament Nru 2201/2003

102. Skont l-Artikolu 33(5) tar-Regolament Nru 2201/2003, ir-rikors kontra d-dikjarazzjoni li tikkonstata s-saħħa eżekuttiva għandu jiġi ppreżentat fi żmien xahar jew xahrejn meta l-parti li kontriha tintalab l-eżekuzzjoni tkun abitwalment residenti fi Stat Membru differenti minn dak li fih saret id-dikjarazzjoni. Dan it-terminu ma jistax jiġi estiż għal raġunijiet ta' distanza.

103. Sa fejn il-kliem tal-Artikolu 33(5) tar-Regolament Nru 2201/2003 jistipula biss li t-terminu għall-preżentata ta' rikors ma jistax jiġi estiż għal raġunijiet ta' distanza [43], ma huwiex eskluż li dan it-terminu jiġi estiż għal raġunijiet *oħrajn minbarra* d-distanza [44].

104. Kif isostnu ġustament il-ġenituri, tali interpretazzjoni letterali hija sostnuta mill-fatt li r-Regolament Nru 2201/2003 jinkludi wkoll dispożizzjonijiet espliċiti ħafna dwar eventwali esklużjonijiet, projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet tas-setgħat tal-qrati kkonċernati [45]. Għalhekk, il-fatt li l-estensjoni minħabba d-distanza biss hija espliċitament ipprojbita huwa indikazzjoni li l-leġiżlatur tal-UE ma riedx jeskludi l-estensjoni taż-żmien stipulat fl-Artikolu 33(5) għal raġunijiet oħrajn.

41 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-5 ta' Marzu 1980, Könecke *vs* Il-Kummissjoni (76/79, EU:C:1980:68, punt 7); tas-6 ta' Lulju 1988, Dillinger Hüttenwerke *vs* Il-Kummissjoni (236/86, EU:C:1988:367, punti 13 u 14); tas-6 ta' Diċembru 1990, Wirtschaftsvereinigung Eisen- und Stahlindustrie *vs* Il-Kummissjoni (C-180/88, EU:C:1990:441, punt 22); tad-19 ta' Frar 1998, Il-Kummissjoni *vs* Il-Kunsill (C-309/95, EU:C:1998:66, punti 18 *et seq.*), kif ukoll tat-23 ta' Ottubru 2007, Il-Parlament *vs* Il-Kummissjoni (C-403/05, EU:C:2007:624, punti 29 *et seq.*).

42 Ara, f'dan ir-rigward, il-Qorti EDB, 26 ta' Jannar 2017, Ivanova u Ivashova *vs* Ir-Russja (CE:ECHR:2017:0126JUD000079714, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 Il-kliem tal-verżjoni bil-lingwa Franċiża tar-Regolament ("[c]e délai ne comporte pas de prorogation à raison de la distance") ma huwiex ċar, iżda jirriżulta minn verżjonijiet lingwistiċi oħrajn li dan ifisser tabilħaqq li t-terminu ma jistax jiġi estiż għal raġunijiet ta' distanza (ara l-verżjoni bl-Ingliż: "No extension of time may be granted on account of distance"; il-verżjoni bil-Ġermaniż: "Eine Verlängerung dieser Frist wegen weiter Entfernung ist ausgeschlossen"; il-verżjoni bl-Ispanjol: "Dicho plazo no admitirá prórroga en razón de la distancia"; il-verżjoni bit-Taljan: "Detto termine non è prorogabile per ragioni inerenti alla distanza"; il-verżjoni bil-Portugiż: "Este prazo não é susceptível de prorrogação em razão da distância"; il-verżjoni bl-Olandiż: "De termijn kan niet op grond van de afstand worden verlengd").

44 Din il-pożizzjoni hija difiża wkoll minn awturi eminenti tad-dritt internazzjonali privat: ara pereżempju, Schlosser, P. F., *EU-Zivilprozessrecht*, it-tieni edizzjoni, Beck, Munich, 2003, p. 276 Nru 9; Oberhammer, P., "Art. 43", *Kommentar zur Zivilprozessordnung*, Vol. 10, it-22 edizzjoni, Mohr Siebeck, Tübingen, 2011, p. 686 Nru 11 (it-tnejn fuq l-Artikolu 43 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42) (imsejjaħ "Regolament Brussell I"), li jikkorrispondi għall-Artikolu 33 tar-Regolament Nru 2201/2003); Mankowski, P., "Art 33", *Brussels IIbis Regulation*, Sellier, Munich, 2012, p. 312 Nru 38; Paraschas, K., "VO (EG) 2201/2003 Art. 33", *Internationaler Rechtsverkehr in Zivil- und Handelssachen*, l-54 edizzjoni, Beck, Munich, 2018, Nru 8. Barra minn hekk, fis-sentenza tal-11 ta' Awwissu 1995, SISRO (C-432/93, EU:C:1995:262, punt 15), il-Qorti tal-Ġustizzja tidher li b'mod impliċitu aċċettat il-possibbiltà li tiddikjara ammissibbli, b'applikazzjoni tar-regoli ta' proċedura nazzjonali, rikors ippreżentat wara l-iskadenza tat-terminu ta' xahrejn previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 36 tal-Konvenzjoni konkluża fis-27 ta' Settembru 1968, dwar il-Ġurisdizzjoni u l-Infurzar ta' Deċiżjonijiet f'Materji Ċivili u Kummerċjali (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Brussell"), li jikkorrispondi għall-Artikolu 33(5) tar-Regolament Nru 2201/2003.

45 Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 1(3) tar-Regolament Nru 2201/2003: " Dan ir-Regolament ma japplikax għal […]"; l-Artikolu 11(4) u (5): "Qorti ma tistax tirrifjuta"; l-Artikoli 22 u 23: "Sentenza […] m'għandhiex tiġi rikonoxxuta"; l-Artikolu 24 "Il-ġurisdizzjoni ta' l-qorti ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini ma tistax tiġi riveduta."; l-Artikolu 25: "Ir-rikonoxximent ta' xi sentenza ma tistax tiġi rrifjutata minħabba li l-liġi ta' l-Istat Membru ma jħallie[jħallix] […]"; l-Artikoli 26 u 31(3): "Taħt l-ebda ċirkustanzi m'għandha sentenza tiġi riveduta nkwantu għas-sustanza tagħha."; l-Artikolu 31(1): "[…] La l-persuna […] u lanqas il-minuri ma għandhom […] jagħmlu xi sottomissjonijiet dwar l-applikazzjoni."; jew l-Artikolu 34: "Is-sentenza mogħtija fl-appell tista' tiġi kkontestata biss […]".

105. Interpretazzjoni kuntestwali tat-terminu għall-preżentata ta' rikors previst fl-Artikolu 33(5) tar-Regolament Nru 2201/2003 ma twassalx għal riżultat ieħor. B'dan il-mod, mill-istruttura tal-Artikolu 33 jirriżulta li l-għan tat-terminu għall-preżentata ta' rikors previst fil-paragrafu 5 ta' din id-dispożizzjoni huwa li ma tiddewwimx l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet mogħtija fi Stat Membru ieħor li s-saħħa eżekuttiva tagħhom tkun ġiet iddikjarata b'mod konformi mal-Artikolu 31. Dan l-għan huwa dedott mill-fatt li terminu għall-preżentata ta' rikors japplika biss, skont l-Artikolu 33(5) tar-Regolament Nru 2201/2003, għar-rikorsi mill-*parti li kontriha qiegħda tiġi mitluba l-eżekuzzjoni*, jiġifieri fil-każ li tkun ittieħdet deċiżjoni ta' *exequatur*. Min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 33(4) tal-imsemmi regolament, ma hemmx terminu għall-preżentata tar-rikors ippreżentat mill-*applikant għall-eżekuzzjoni* meta dan jikkontesta ċ-ċaħda, mill-qorti adita, tal-applikazzjoni tiegħu ppreżentata skont l-Artikolu 28 sabiex jikseb deċiżjoni ta' *exequatur* ta' deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru ieħor.

106. Minn dan isegwi li estensjoni tat-terminu ma hijiex eskluża, b'mod partikolari meta ma hemmx ir-riskju li din iddewwem indebitament l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni li tagħha ngħata l-*exequatur*.

107. Dan huwa l-każ fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, fejn id-deċiżjoni li tagħha ntalab *exequatur* diġà ġiet eżegwita qabel il-preżentata tar-rikors, b'tali mod li estensjoni tat-terminu għall-preżentata ta' rikors ma għadhiex tirriskja li ddewwem l-eżekuzzjoni. Jista' wkoll jiġi argumentat li, f'każ bħal dan, ir-rikors tal-konvenut fl-eżekuzzjoni ppreżentat skont l-Artikolu 33(5) tar-Regolament Nru 2201/2003 għandu, bħar-rikors tal-applikant għall-eżekuzzjoni prevista fil-paragrafu 4 ta' din id-dispożizzjoni, ikun jista' jiġi ppreżentat mingħajr limitu ta' żmien. Mingħajr ma wieħed jasal sa hemmhekk, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, f'każ bħal dan, it-terminu ma għandux, fi kwalunkwe każ, jiġi applikat b'mod restrittiv.

108. Dan ifisser li r-Regolament Nru 2201/2003 ma jeskludix li l-qorti li għandha ġurisdizzjoni testendi t-terminu għall-preżentata tar-rikors previst fl-Artikolu 33(5) tal-imsemmi regolament [46]. Huwa l-ordinament ġuridiku nazzjonali ta' kull Stat Membru, skont il-prinċipju tal-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri, li jirregola l-modalitajiet proċedurali ta' tali estensjoni.

c) Fuq l-ibbilanċjar li għandu jsir meta jiġi estiż it-terminu għall-preżentata ta' rikors previst fl-Artikolu 33(5) tar-Regolament Nru 2201/2003

109. Minkejja li r-Regolament Nru 2201/2003 ma jeskludix estensjoni jew ftuħ mill-ġdid [47] tat-terminu previst fl-Artikolu 33(5) tal-imsemmi regolament, jibqa' l-fatt li l-applikazzjoni ta' dan it-terminu hija l-prinċipju li ma jistax ikollu eċċezzjonijiet ħlief f'każijiet debitament ġustifikati.

110. Barra minn hekk, is-setgħa tal-qorti nazzjonali li testendi jew li tiftaħ mill-ġdid dan it-terminu f'każijiet bħal dawn hija rregolata mill-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività [48].

46 Għal raġunijiet ta' kompletezza, għandu jiġi nnotat li s-sentenzi tal-4 ta' Frar 1988 Hoffmann (145/86, EU:C:1988:61), u tas-16 ta' Frar 2006, Verdoliva (C-3/05, EU:C:2006:113), iċċitati mill-qorti tar-rinviju u indikati mill-HCC, ma jippreġudikawx din l-interpretazzjoni. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja effettivament irreferiet, f'dawn is-sentenzi, għan-natura stretta tat-terminu stipulat fl-Artikolu 36 tal-Konvenzjoni ta' Brussell, li kien jikkorrispondi għall-Artikolu 33(5) tar-Regolament Nru 2201/2003. Madankollu, fis-sentenza Hoffmann, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat biss li d-dispożizzjoni inkwistjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li l-parti li ma ppreżentatx r-rikors kontra l-*exequatur* prevista fiha hija mbagħad prekluża, fl-istadju tal-eżekuzzjoni, milli tinvoka raġuni valida li hija setgħet tinvoka fil-kuntest tar-rikors kontra l-*exequatur* (sentenza tal-4 ta' Frar 1988, Hoffmann, 145/86, EU:C:1988:61, punt 34). Bl-istess mod, fis-sentenza Verdoliva, il-Qorti tal-Ġustizzja llimitat ruħha li tiddeċiedi li s-sempliċi għarfien dwar deċiżjoni mill-persuna li kontriha qed tintalab l-eżekuzzjoni ma jissostitwixxix il-ħtieġa ta' notifika stipulata fl-imsemmija dispożizzjoni għall-finijiet tal-punt tal-bidu tat-terminu għall-preżentata ta' rikors li huwa previst fiha (sentenza tas-16 ta' Frar 2006, Verdoliva, C-3/05, EU:C:2006:113, punt 38).

47 Fid-dritt Ġermaniż, ma hemmx estensjoni iżda ftuħ mill-ġdid tat-terminu.

48 Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Puškár (C-73/16, EU:C:2017:253, punti 46 u 47).

111. Minn naħa, l-osservanza tal-prinċipju ta' ekwivalenza, li jfisser li l-modalitajiet proċedurali għal rikorsi intiżi li jiggarantixxu l-protezzjoni tad-drittijiet mogħtija lill-individwi mid-dritt tal-Unjoni ma għandhomx ikunu inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw sitwazzjonijiet simili nazzjonali [49], ma tidhirx li toħloq problemi f'dan il-każ. Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta fil-fatt li d-dritt Irlandiż jagħti lill-qorti s-setgħa li testendi t-termini għall-preżentata ta' rikors f'każijiet debitament ġustifikati meta tkun involuta l-applikazzjoni tad-dritt nazzjonali [50].

112. Min-naħa l-oħra, skont il-prinċipju ta' effettività, il-modalitajiet proċedurali tad-dritt nazzjonali ma għandhomx jirrendu prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni [51].

113. F'dan ir-rigward, f'dan il-każ, ir-Regolament Nru 2201/2003 u b'mod iktar partikolari t-Taqsima 2 tal-Kapitolu III tiegħu jibbilanċjaw id-dritt mogħti lill-applikant għall-eżekuzzjoni biex jikseb rapidament sodisfazzjon mad-dritt mogħti lill-konvenut fl-eżekuzzjoni biex joġġezzjona b'mod effettiv, fl-Istat Membru rikjest, l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru ieħor [52]. Barra minn hekk, qabel kollox, l-għan li jiġi żgurat mill-iktar it-teħid inkunsiderazzjoni tal-aħjar interessi tal-minuri u li jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif stabbiliti fl-Artikolu 24 tal-Karta jalimenta u huwa l-bażi tad-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament Nru 2201/2003 [53].

114. Minn dan isegwi li, meta qorti nazzjonali bħal, f'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju, tapplika l-modalitajiet proċedurali tad-dritt nazzjonali tagħha sabiex tiddeċiedi jekk testendix it-terminu previst fl-Artikolu 33(5) tar-Regolament Nru 2201/2003, din il-qorti għandha tara li tinżamm l-effettività tad-drittijiet u tal-għanijiet iċċitati fil-punt preċedenti. Dan ir-rekwiżit jista' jeħtieġ, f'każ konkret, l-estensjoni tat-terminu, kif ukoll jista' jimponi limiti ta' żmien fuq tali estensjoni. Fil-kuntest tal-ibbilanċjar li għandha twettaq il-qorti kkonċernata għal dan il-għan, hija għandha tikkunsidra l-istruttura ġenerali tar-Regolament kif ukoll l-elementi kuntestwali kollha preżenti fil-każ konkret.

115. F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju għandha, f'dan ir-rigward, tieħu inkunsiderazzjoni b'mod partikolari l-elementi li ġejjin.

1) It-tul tal-qbiż tat-terminu

116. Ir-Regolament Nru 2201/2003 huwa intiż mhux biss biex jippermetti implimentazzjoni rapida tad-deċiżjonijiet li jintalab l-*exequatur* tagħhom, iżda wkoll biex jiggarantixxi ċertezza legali fir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' tali deċiżjonijiet. Madankollu, jista' jkun ta' detriment għaċ-ċertezza legali li tiġi permessa l-kontestazzjoni tal-legalità ta' deċiżjoni diġà eżegwita mingħajr ebda limitu ta' żmien. Dan huwa iktar u iktar minnu peress li l-annullament tad-deċiżjoni ta' *exequatur* tista' twassal għall-qlib tas-sitwazzjoni ta' fatt maħluqa mill-eżekuzzjoni mgħaġġla, jiġifieri, f'każ bħal dak inkwistjoni, għar-ritorn tat-tfal fl-Istat Membru rikjest [54]. Il-qorti nazzjonali għandha għalhekk tieħu inkunsiderazzjoni t-tul ta' żmien li jkun għadda meta mqabbel mat-terminu previst inizjalment. F'dan il-każ, id-dewmien ta' 48 siegħa li bih ġie ppreżentat ir-rikors tal-ġenituri huwa minimu, b'mod li l-ammissjoni ta' dan ir-rikors ma toħloqx differenza sinjifikattiva meta mqabbel mat-terminu inizjali previst fl-Artikolu 33(5) tar-Regolament Nru 2201/2003.

49 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-16 ta' Diċembru 1976, Rewe-Zentralfinanz u Rewe-Zentral (33/76, EU:C:1976:188, punt 5); tas-7 ta' Jannar 2004, Wells (C-201/02, EU:C:2004:12, punt 67), u tal-21 ta' Diċembru 2016, TDC (C-327/15, EU:C:2016:974, punt 90).

50 Ara, f'dan ir-rigward, id-dispożizzjoni tad-dritt Irlandiż iċċitata fil-punt 23 ta' dawn il-konklużjonijiet.

51 Ara l-ġurisprudenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 49 ta' dawn il-konklużjonijiet.

52 Ara, rigward l-Artikolu 36 tal-Konvenzjoni ta' Brussell, li kien jikkorrispondi għall-Artikolu 33(5) tar-Regolament Nru 2201/2003, is-sentenza tas-16 ta' Frar 2006, Verdoliva (C-3/05, EU:C:2006:113, punti 26 *et seq.*), kif ukoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Verdoliva (C-3/05, EU:C:2005:722, punti 38 *et seq.* u l-ġurisprudenza ċċitata); fl-istess sens, rigward ir-Regolament Nru 2201/2003, ara s-sentenza tal-11 ta' Lulju 2008, Rinau (C-195/08 PPU, EU:C:2008:406, punt 101).

53 Ara, b'mod partikolari, il-premessa 33 tar-Regolament Nru 2201/2003.

54 Ara l-punt 64 ta' dawn il-konklużjonijiet.

2) L-għanijiet tar-Regolament Nru 2201/2003

117. L-għan tar-Regolament Nru 2201/2003 ma huwiex biss li jiffaċilita r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet li jirrigwardaw ir-responsabbiltà tal-ġenituri mogħtija fi Stati Membri oħrajn, iżda wkoll li jiġi evitat li deċiżjonijiet bħal dawn jiġu ddikjarati li għandhom saħħa eżekuttiva jekk raġunijiet għan-nuqqas ta' rikonoxximent previsti fl-Artikolu 23 tal-imsemmi regolament jipprekluduh. Il-persistenza ta' sitwazzjoni ta' fatt maħluqa abbażi ta' deċiżjoni manifestament ivvizzjata b'raġunijiet għal nuqqas ta' rikonoxximent iddikjarata li għandha saħħa eżekuttiva u implimentata mingħajr ma l-konvenut kellu l-opportunità li joġġezzjona għaliha, tidher għalhekk iktar problematika fid-dawl tal-effettività tar-Regolament Nru 2201/2003, moqri flimkien mal-Karta, mill-ammissjoni ta' rikors ippreżentat b'dewmien ta' 48 siegħa meta mqabbel mat-terminu previst inizjalment. Dan huwa iktar u iktar minnu sa fejn il-preġudizzju lill-effettività tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 2201/2003 bl-eżekuzzjoni illegali ta' deċiżjoni jibqa' jeżisti sakemm tibqa' tippersisti s-sitwazzjoni ta' fatt maħluqa abbażi tal-imsemmija eżekuzzjoni [55].

3) Il-ksur tad-dritt għal rimedju effettiv

118. B'mod differenti mid-deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali kkonċernati mir-Regolament Nru 1215/2012, imsejjaħ "Regolament Brussell Ia" [56], kif ukoll mid-deċiżjonijiet dwar id-dritt ta' aċċess u għar-ritorn tal-minuri msemmija fl-Artikolu 40 tar-Regolament Nru 2201/2003 [57], il-leġiżlatur tal-Unjoni b'mod espliċitu ma għażilx li jeżenta d-deċiżjonijiet dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri fis-sens tar-Regolament Nru 2201/2003 minn proċedura ta' *exequatur*. Kif enfasizza l-Gvern Pollakk b'mod konvinċenti waqt is-seduta, ir-Regolamenti Brussell Ia u Brussell IIa ma humiex identiċi f'dan ir-rigward, peress li t-tieni wieħed huwa msejjes fuq l-għan ta' protezzjoni tal-aħjar interess tal-minuri. Minħabba n-natura sensittiva tagħhom u l-importanza tad-drittijiet tal-minuri u tal-ġenituri involuti, id-deċiżjonijiet li jirrigwardaw ir-responsabbiltà tal-ġenituri ma għandhomx jiġu eżegwiti b'mod awtomatiku mingħajr ebda kontroll fl-Istat Membru rikjest. L-implimentazzjoni tal-proċedura ta' *exequatur* prevista fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu III tar-Regolament Nru 2201/2003 hija għalhekk prerekwiżit indispensabbli għall-eżekuzzjoni ta' kwalunkwe deċiżjoni li tirrigwarda r-responsabbiltà tal-ġenituri mogħtija fi Stat Membru ieħor [58].

119. Madankollu, din il-proċedura hija mfassla b'mod li tinkludi, neċessarjament, żewġ fażijiet: b'dan il-mod, skont l-Artikolu 31(1) tar-Regolament Nru 2201/2003, il-qorti adita bit-talba għal dikjarazzjoni ta' saħħa eżekuttiva għandha ċertament tiddeċiedi mingħajr dewmien inizjalment, mingħajr ma jistgħu jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, f'dan l-istadju tal-proċedura, la mill-persuna li kontriha tintalab l-eżekuzzjoni u lanqas mill-minuri. Madankollu, fit-tieni stadju, qabel l-eżekuzzjoni proprja ta' deċiżjoni ta' *exequatur* miksuba b'dan il-mod, il-persuna li kontriha tintalab l-eżekuzzjoni għandu jkollha l-possibbiltà li tippreżenta rikors sabiex tqajjem, fost l-oħrajn, waħda mir-raġunijiet għan-nuqqas ta' rikonoxximent previsti fl-Artikolu 23 tal-imsemmi regolament [59] u toġġezzjona għall-eżekuzzjoni fil-ħin.

55 Ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-10 ta' April 2003, Il-Kummissjoni *vs* Il-Ġermanja (C-20/01 u C-28/01, EU:C:2003:220, punt 36).

56 Ara l-Artikolu 39 tar-Regolament Nru 1215/2012, imsejjaħ "Brussell Ia".

57 Ara l-punti 66 u 71 ta' dawn il-konklużjonijiet.

58 Ara s-sentenza tas-26 ta' April 2012, Health Service Executive (C-92/12 PPU, EU:C:2012:255, punt 118), kif ukoll il-pożizzjoni tiegħi fil-kawża Health Service Executive (C-92/12 PPU, EU:C:2012:177, punti 71 *et seq.*).

59 Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2008, Rinau (C-195/08 PPU, EU:C:2008:406, punt 101). Ara wkoll, f'dan il-kuntest, fir-rigward tal-Artikolu 36 tal-Konvenzjoni ta' Brussell, li kien jikkorrispondi għall-Artikolu 33(5) tar-Regolament Nru 2201/2003, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Verdoliva (C-3/05, EU:C:2005:722, punti 41 u 42): "L-Artikolu 36 jirrappreżenta […] il-komplement proċedurali tal-motivi materjali għan-nuqqas ta' rikonoxximent previsti fl-Artikoli 27 u 28 tal-Konvenzjoni ta' Brussell." Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirriżulta wkoll li l-konvenut fl-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni u li jibbenefika minn mekkaniżmu ta' rikonoxximent reċiproku għandu jkun jista' jinvoka insuffiċjenza manifesta ta' protezzjoni ta' dritt iggarantit mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Huwa fil-fatt biss fl-assenza ta' tali insuffiċjenza li tista' tapplika l-preżunzjoni ta' protezzjoni ekwivalenti tad-drittijiet iggarantiti mill-imsemmija konvenzjoni mid-dritt tal-Unjoni u li l-qrati tal-Istati Membri jistgħu jagħtu l-effett sħiħ lil tali mekkaniżmu ta' rikonoxximent reċiproku; ara l-Qorti EDB, 23 ta' Mejju 2016, Avotiņš *vs* Latvia (CE:ECHR:2016:0523JUD001750207, punt 116).

120. Skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta, kwalunkwe limitazzjoni għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali hija ġustifikata biss jekk tirrispetta l-kontenut essenzjali tad-dritt ikkonċernat u jekk hija meħtieġa u tissodisfa effettivament il-bżonn ta' protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor.

121. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li huwa biss f'ċirkustanzi straordinarji kkaratterizzati minn urġenza assoluta u fejn l-aħjar interessi tal-minuri hekk jeżiġu u meta miżuri provviżorji adottati skont l-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2201/2003 ma jkunux suffiċjenti li deċiżjoni ta' *exequatur* adottata skont l-imsemmi regolament tista' b'mod eċċezzjonali, b'deroga mir-regola ġenerali, issir b'saħħa eżekuttiva mill-adozzjoni tagħha u tiġi eżegwita qabel l-għeluq ta' proċedura ta' rikors. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li tali ċirkustanzi ġew issodisfati f'każ li kien jikkonċerna l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni li ordnat it-tqegħid forzat ta' minuri f'istituzzjoni ta' kura taħt sigurtà fi Stat Membru ieħor meta l-minuri kien diġà ħarab u għamel diversi tentattivi ta' suwiċidju, u meta biss il-minuri nnifsu (u mhux il-ġenituri tiegħu) kien qed joġġezzjona għall-imsemmi tqegħid [60].

122. Mill-fatti fil-kawża prinċipali jirriżulta b'mod ċar li tali ċirkustanzi bl-ebda mod ma kienu ssodisfatti f'dan il-każ. Fil-fatt, meta l-ħaddiema soċjali tas-CFA u tal-HCC ipproċedew bl-eżekuzzjoni tad-digriet ta' *exequatur* tal-High Court Irlandiża tal-21 ta' Settembru 2017 billi ġabu t-tfal lura l-Ingilterra bil-moħbi tal-ġenituri, it-tfal kienu siguri f'familja foster fl-Irlanda. Għalhekk la kien hemm riskju li l-ġenituri kienu se jaħarbu mill-ġdid bit-tfal u lanqas riskju ta' ħsara għall-benesseri tat-tfal li kien jeħtieġ implimentazzjoni immedjata tad-digriet ta' *exequatur*.

123. Barra minn hekk, ma huwiex possibbli li wieħed jara kif l-urġenza biex it-tfal jinġabu lura l-Ingilterra setgħet kienet tali li kien jeħtieġ li dan isir qabel ma jiġi nnotifikat id-digriet ta' *exequatur* lill-ġenituri, meta l-HCC kien ħalla kważi ħmistax jgħaddu bejn il-kisba tad-digriet tal-High Court Ingliża tat-8 ta' Settembru 2017 u l-preżentata tal-applikazzjoni tiegħu għal dikjarazzjoni ta' saħħa eżekuttiva tal-imsemmi digriet fil-21 ta' Settembru 2017.

124. Fl-aħħar nett, f'dan il-każ, l-implimentazzjoni immedjata tad-deċiżjoni ta' *exequatur*, jiġifieri r-ritorn tat-tfal lejn l-Ingilterra, setgħet toħloq ħsara irreparabbli minħabba s-separazzjoni tal-inqas temporanja tal-ġenituri minn mat-tfal. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li, f'dak li jikkonċerna t-tfal ta' età żgħira, iż-żmien bijoloġiku ma jistax jitkejjel skont kriterji ġenerali, fid-dawl tal-istruttura intellettwali u psikoloġika ta' dawn it-tfal u r-rapidità li biha din tiżviluppa [61]. Kif innotat il-Qorti tal-Ġustizzja, f'dawn iċ-ċirkustanzi, separazzjoni għandha mnejn tiddeterjora r-relazzjoni bejn it-tfal ikkonċernati u l-ġenituri tagħhom b'mod irreparabbli u twassal għal dannu psikoloġiku li ma jistax jitreġġa' lura [62]. Minn dan isegwi li, f'dan il-każ, l-effettività tad-dritt proċedurali tal-ġenituri għal rimedju effettiv ikkundizzjonat ukoll l-effettività tal-protezzjoni tad-dritt sostantiv tagħhom għar-rispett tal-ħajja familjari tagħhom, stabbilit fl-Artikolu 7 tal-Karta.

125. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma huwiex meħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar jekk il-limitazzjoni mqiegħda fuq id-dritt tal-ġenituri għal rimedju effettiv, kif previst fl-Artikolu 47 tal-Karta, ippreġudikatx il-kontenut essenzjali ta' dan id-dritt fis-sens tal-Artikolu 52(1) ta' din. Huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-mod kif imxew l-awtoritajiet Irlandiżi u Ingliżi kkostitwixxa ksur partikolarment serju tad-dritt fundamentali tal-ġenituri għal rimedju effettiv, li bl-ebda mod ma kien meħtieġ biex jinżammu s-sigurtà u l-aħjar interessi tal-minuri, u li għalhekk ma kienx ġustifikat.

60 Ara s-sentenza tas-26 ta' April 2012, Health Service Executive (C-92/12 PPU, EU:C:2012:255, punti 121 *et seq.*).

61 Is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2008, Rinau (C-195/08 PPU, EU:C:2008:406, punt 81).

62 Ara, *ex multis*, is-sentenzi tal-1 ta' Lulju 2010, Povse (C-211/10 PPU, EU:C:2010:400, punti 35 u 36), tal-5 ta' Ottubru 2010, MCB. (C-400/10 PPU, EU:C:2010:582, punt 28), u tat-22 ta' Diċembru 2010, Aguirre Zarraga (C-491/10 PPU, EU:C:2010:828, punti 39 u 40).

4) Ir-rabta kawżali bejn in-nuqqas ta' osservanza tat-terminu u l-imġiba tal-amministrazzjoni

126. Ċertament f'dan il-każ, ma huwiex stabbilit b'mod espliċitu li hemm rabta kawżali diretta bejn il-ksur mhux ġustifikat tad-dritt tal-ġenituri għal rimedju effettiv, minn naħa, u l-fatt li l-ġenituri ma osservawx it-terminu previst fl-Artikolu 33(5) meta ppreżentaw ir-rikors tagħhom kontra d-deċiżjoni ta' *exequatur*, min-naħa l-oħra. Barra minn hekk, ir-rappreżentanti tal-ġenituri indikaw li dan id-dewmien kien responsabbiltà tagħhom u mhux tal-ġenituri [63].

127. Madankollu, kif tosserva ġustament il-qorti tar-rinviju, ma jistax jiġi eskluż li l-imġiba tal-HCC u ċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, meħuda flimkien, kienu tali li setgħu jaqtgħu qalb il-ġenituri tant li jaħsbu li jkun inutli li jippreżentaw rikors kontra d-deċiżjoni ta' *exequatur* fl-Irlanda la din kienet diġà ġiet eżegwita jerġa' qabel ma ġew innotifikati dwarha. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax jiġi eskluż li dan l-iskoraġġiment jippreżenta rabta kawżali indiretta mad-dewmien fil-preżentata tar-rikors tagħhom.

128. Għalhekk, fid-dawl tal-fatti tal-kawża prinċipali, l-ewwel nett, ma huwiex impossibbli li teżisti rabta kawżali bejn il-mod kif l-HCC iġġestixxa l-fajl tal-familja inkwistjoni, minn naħa, u l-ħarba ta' din il-familja lejn l-Irlanda, min-naħa l-oħra [64].

129. Fit-tieni lok, id-digriet tal-High Court Ingliża tat-8 ta' Settembru 2017, li qiegħed lill-minuri taħt tutela ġudizzjarja u ordna r-ritorn tagħhom, ittieħed fl-assenza tal-ġenituri f'kundizzjonijiet li fihom, kif ġie kkonfermat minn diversi partijiet fis-seduta, huwa mill-inqas dubjuż li l-ġenituri kellhom opportunità effettiva li jinstemgħu [65].

130. Fit-tielet lok, dan id-digriet sussegwentement ġie ddikjarat li għandu saħħa eżekuttiva fl-Irlanda u ġie eżegwit b'mod mhux ġustifikat [66] immedjatament, mingħajr ma l-ġenituri kellhom il-possibbiltà li joġġezzjonaw għalih, minkejja li huma setgħu manifestament jinvokaw uħud mir-raġunijiet għal nuqqas ta' rikonoxximent previsti fl-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 2201/2003 [67], b'mod partikolari l-fatt li l-att promotur tal-HCC ma kienx ġie nnotifikat lilhom fi żmien xieraq u li d-deċiżjoni tal-High Court Ingliża kienet ingħatat mingħajr ma kellhom il-possibbiltà li jinstemgħu.

131. Fir-raba' lok, huwa għalkollox loġiku li, wara r-ritorn ta' wliedhom fl-Ingilterra, il-ġenituri l-ewwel fittxew li jikkontestaw id-digriet tal-High Court Ingliża tat-8 ta' Settembru 2017 fl-Ingilterra.

132. Fil-ħames lok, il-Court of Appeal of England and Wales (il-Qorti tal-Appell, l-Ingilterra u Wales) irrifjutatilhom l-awtorizzazzjoni biex jippreżentaw appell kontra l-imsemmi digriet b'motivazzjoni qasira wisq li ma tidhirx li ħadet inkunsiderazzjoni n-natura manifestament problematika tad-digriet tal-High Court Ingliża tat-8 ta' Settembru 2017 fir-rigward tad-dritt tagħhom li jinstemgħu [68].

63 Ara l-punt 46 ta' dawn il-konklużjonijiet.

64 Ara b'mod partikolari l-punti 33 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.

65 Ara l-punti 38 u 39 ta' dawn il-konklużjonijiet.

66 Ara l-punt 125 ta' dawn il-konklużjonijiet.

67 Ara l-punt 16 ta' dawn il-konklużjonijiet.

68 Ara l-punt 45 ta' dawn il-konklużjonijiet. Din id-deċiżjoni tgħid hekk: "Ma hemm xejn fl-ilmenti magħmula mir-rikorrenti fid-dokumenti ppreżentati quddiem din il-qorti. [Ir-rikorrenti] kellhom l-opportunità li jattendu għas-seduta tat-8 ta' Settembru iżda minflok ħarbu. L-argumenti tekniċi issa mqajma rigward id-dritt għal smigħ, id-dritt għall-ivvjaġġar u l-użu ta' tutela huma vojta, b'mod partikolari minħabba li t-tfal fil-preżent jinsabu mill-ġdid suġġetti għall-ġurisdizzjoni ta' din il-qorti." [traduzzjoni tiegħi]

133. Dawn il-fatturi, meħudin kollha flimkien, setgħu kkomplikaw u finalment ittardjaw il-preżentata tar-rikors tal-ġenituri fl-Irlanda [69], minkejja li l-qorti tar-rinviju tosserva li l-intenzjoni tagħhom li jippreżentaw rikors fit-terminu stabbilit hija dedotta minn diversi elementi fattwali. Kif ġie osservat ġustament mir-rappreżentant tal-ġenituri waqt is-seduta, huwa importanti, f'dan il-kuntest, li wieħed iżomm f'moħħu li l-ġenituri huma persuni soċjalment u ekonomikament żvantaġġjati, li żgur kellhom inqas riżorsi biex jorganizzaw id-difiża tagħhom mill-amministrazzjoni li kellhom kontrihom.

5) L-imġiba tal-partijiet

134. Ma hemm l-ebda element fil-proċess fil-kawża prinċipali li jista' jissuġġerixxi li l-preżentata tardiva tar-rikors tal-ġenituri meta mqabbel mat-terminu previst inizjalment jirrifletti intenzjoni ta' ħela ta' żmien, xewqa ta' tfixkil jew inkella tentattiv li jiġu evitati t-termini previsti, b'mod differenti minn dak li jidher li kien il-każ fil-kawża Hoffmann [70]. Għall-kuntrarju mill-fatti f'dan il-każ jirriżulta li l-ġenituri aġixxew *in bona fede* u għamlu dak kollu li setgħu sabiex jippreżentaw ir-rikors tagħhom fil-ħin.

135. Min-naħa l-oħra, diġà ġie indikat li l-HCC u l-omologi Irlandiżi tiegħu ma rnexxilhomx juru d-diliġenza dovuta f'dan il-każ [71]. B'mod partikolari, l-eżekuzzjoni mgħaġġla tad-deċiżjoni ta' *exequatur* ma kinitx ġustifikata [72]. L-imġiba ta' dawn l-amministrazzjonijiet *a fortiori* ma tistax tiġi skużata peress li huma awtoritajiet amministrattivi li ma humiex, b'mod differenti minn ġenitur abbandunat f'sitwazzjoni ta' tneħħija transkonfinali "klassika", mistennija li jkollhom interess proprju fir-ritorn tal-minuri, iżda għandhom jaġixxu biss bil-ħsieb li jħarsu l-aħjar interessi tal-minuri. Madankollu, il-mod kif imxew is-CFA u l-HCC f'dan il-każ ma kienx konformi ma' dan l-għan.

d) Konklużjoni intermedja

136. Minn dak li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li r-risposta għat-tieni u t-tielet domandi fil-Kawża C-325/18 PPU għandha tkun li, f'kawża li tikkonċerna d-dispożizzjonijiet dwar l-eżekuzzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003, il-qorti adita għandha, skont il-prinċipju tal-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri, il-ġurisdizzjoni li testendi t-terminu għall-preżentata ta' rikors previst fl-Artikolu 33(5) tal-imsemmi regolament. Hija l-qorti kkonċernata li għandha tevalwa, fuq il-bażi tal-elementi kollha quddiemha u filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività, jekk tali estensjoni għandhiex tingħata. F'din l-evalwazzjoni, din il-qorti tista' b'mod partikolari tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' *exequatur* qabel in-notifika tagħha lill-konvenut fl-eżekuzzjoni kkostitwixxiet ksur mhux ġustifikat tad-dritt ta' dan il-konvenut għal rimedju effettiv stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta.

2. Fuq l-ordni (Kawża C-375/18 PPU)

137. Kif ġie indikat iktar 'il fuq [73], wara s-sottomissjoni tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari fil-Kawża C-325/18 PPU, il-ġenituri ppreżentaw rikors għal miżuri provviżorji quddiem il-qorti tar-rinviju, intiż biex din tordna lill-HCC iwaqqaf il-proċedura ta' adozzjoni tat-tarbija u ma jibdiex il-proċedura ta' adozzjoni għaż-żewġt itfal il-kbar, sal-eżitu tal-proċedura fil-kawża prinċipali.

69 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet fil-kuntest ta' rikorsi kontra l-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, li dewmien fil-preżentata ta' rikors jista' jaqa' taħt il-kunċett ta' żball skużabbli meta l-istituzzjoni kkonċernata tkun adottat imġiba li, waħedha jew b'mod determinanti, tikkawża konfużjoni ammissibbli f'moħħ parti fil-kawża li tkun *in bona fede* (sentenza tal-15 ta' Mejju 2003, Pitsiorlas *vs* Il-Kunsill u BĊE, C-193/01 P, EU:C:2003:281, punt 24). Ara f'dan il-kuntest ukoll il-Qorti EDB, 6 ta' Diċembru 2001, Tsironis *vs* Il-Greċja (CE:ECHR:2001:1206JUD004458498, punti 27 *et seq.*).

70 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 46 ta' dawn il-konklużjonijiet.

71 Ara b'mod partikolari l-punti 122 *et seq.*, u 128 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.

72 Ara l-punti 122 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.

73 Ara l-punti 51 u 52 ta' dawn il-konklużjonijiet.

138. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li, bid-domanda tagħha fil-Kawża C-375/18 PPU, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk id-dritt tal-Unjoni u b'mod partikolari r-Regolament Nru 2201/2003 jipprekludux li hija toħroġ ordni kawtelatorja kontra korp pubbliku ta' Stat Membru ieħor sabiex tipprojbixxi lil dan il-korp milli jibda proċedura għall-adozzjoni ta' tfal quddiem il-qrati ta' dan l-Istat Membru l-ieħor, meta tali ordni tirriżulta neċessarja sabiex jiġu protetti d-drittijiet tal-partijiet fi proċedura ta' rikors ippreżentat skont l-Artikolu 33(5) tal-imsemmi regolament.

a) Osservazzjonijiet preliminari

139. Fid-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tinsisti speċifikament fuq il-fatt li l-ordni li qed tintalab tagħti tkun indirizzata lejn awtorità pubblika ta' Stat Membru ieħor.

140. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotatat li ċertament ma huwiex eskluż li l-għoti ta' tali ordni kontra entità pubblika barranija jista', f'ċerti ċirkustanzi, iqajjem kwistjonijiet speċifiċi fil-qasam tad-dritt kostituzzjonali jew tad-dritt internazzjonali pubbliku.

141. Madankollu, kif tinnota ġustament il-qorti tar-rinviju, f'dan il-każ, ma hijiex kwistjoni ta' interferenza mas-sovranità ġudizzjarja, eżekuttiva u amministrattiva interna tar-Renju Unit, peress li l-ordni li l-qorti tar-rinviju qed tintalab tagħti tkun indirizzata kontra l-HCC fil-kwalità tiegħu bħala parti fil-proċedura ta' rikors quddiem l-imsemmija qorti. Issa, huwa l-HCC innifsu li beda l-proċedura ta' *exequatur* fl-Irlanda, li tagħha, il-proċedura attwali quddiem il-qorti tar-rinviju, tikkostitwixxi biss estensjoni. Hemm dubju għalhekk kemm l-HCC jista' jevita l-impatt tal-proċedura quddiem il-qorti tar-rinviju. L-idea li Stat li jintervjeni fi proċedura quddiem il-qorti ta' Stat Membru ieħor jissottometti ruħu, għall-finijiet tal-proċedura hekk mibdija, għall-ġurisdizzjoni ta' dan l-Istat u ma jistax jinvoka l-immunità tiegħu mill-ġurisdizzjoni, tinsab ukoll fil-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Immunità tal-Istati [74].

142. Fi kwalunkwe każ, ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddetermina jekk, f'dan il-każ, il-fatt li l-HCC huwa korp pubbliku ta' Stat Membru ieħor jistax jipprekludi lill-qorti tar-rinviju milli tindirizza ordni kawtelatorja fil-kuntest tal-proċedura li biha hija adita. Fil-fatt, id-domanda tal-qorti tar-rinviju tistaqsi biss jekk id-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, ir-Regolament Nru 2201/2003, jipprekludux tali ordni.

b) Fuq il-projbizzjoni ta' "anti-suit injunctions"

143. Sa fejn il-qorti tar-rinviju tibda mill-prinċipju li l-proċedura ta' adozzjoni rilevanti fir-Renju Unit hija proċedura ġudizzjarja jew tirrikjedi mill-inqas l-intervent ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji, hija tistaqsi jekk ordni lill-HCC biex ma jkomplix jew ma jibdiex tali proċedura tammontax għal projbizzjoni fuq l-HCC milli jadixxi l-qrati Ingliżi kompetenti u tiħux għalhekk il-forma ta' *anti-suit injunction* (ordni intiża li tipprojbixxi lil parti milli tibda jew tkompli proċeduri) ipprojbita mis-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi Turner [75] u Allianz u Generali Assicurazioni Generali [76].

144. L-ewwel nett, għandu jiġi nnotat li minn ittra mibgħuta lill-qorti tar-rinviju mill-HCC fis-27 ta' Marzu 2018 jirriżulta li d-deċiżjoni ta' tqegħid (*placement order*) li tawtorizza lill-HCC ifittex ġenituri adottivi potenzjali għat-tarbija u li jqiegħdha provviżorjament magħhom kienet diġà ttieħdet fil-21 ta' Diċembru 2017 [77]. Barra minn hekk, l-HCC jindika li issa kellha titressaq applikazzjoni futura minn dawn il-ġenituri adottivi potenzjali tat-tarbija biex tinkiseb deċiżjoni ta' adozzjoni (*adoption*

74 Il-Kunsill tal-Ewropa, Serje tat-Trattati Ewropej, Nru 74.

75 Sentenza tas-27 ta' April 2004, Turner (C-159/02, EU:C:2004:228).

76 Sentenza tal-10 ta' Frar 2009, Allianz u Generali Assicurazioni Generali (C-185/07, EU:C:2009:69).

77 Ara l-punt 47 ta' dawn il-konklużjonijiet.

order) għat-tarbija. Għalhekk ma huwiex għalkollox ċar jekk id-deċiżjoni tal-qorti tar-rinviju li tordna lill-HCC biex ma jkomplix il-proċedura ta' adozzjoni tat-tarbija timplikax fir-realtà projbizzjoni tal-HCC milli jirreferi l-każ lil qorti Ingliża. Barra minn hekk, l-HCC tenna waqt is-seduta, fil-kuntest ta' din il-proċedura, li ma kienx ippjana li jibda proċedura ta' adozzjoni għaż-żewġt itfal il-kbar.

145. F'dawn iċ-ċirkustanzi, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina jekk l-ordni li l-ġenituri qed jitolbuha tagħti tinvolvix fir-realtà "element *anti-suit*" fis-sens li tipprojbixxi lill-HCC milli jadixxi qorti Ingliża. Jekk dan ma huwiex il-każ, ma jidhirx li l-għoti ta' din l-ordni għandu jkun problematiku fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti dwar l-*anti-suit injunctions*.

146. Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi kkonstatat li, anki jekk wieħed jassumi li ordni kawtelatorja mogħtija mill-qorti tar-rinviju jkollha l-effett li tipprekludi temporanjament, sal-eżitu tal-proċedura fil-kawża prinċipali, lill-HCC milli jirreferi l-każ quddiem qorti Ingliża biex it-tarbija u ż-żewġt itfal il-kbar jiġu adottati, tali ordni ma hijiex ipprojbita mir-Regolament Nru 2201/2003 jew minn dispożizzjonijiet oħrajn tad-dritt tal-Unjoni.

147. L-ewwel nett, l-ordni li l-ġenituri qed jitolbu lill-qorti tar-rinviju tagħti kontra l-HCC ma hijiex *anti-suit injunction*, iżda "freezing" jew *Mareeva injunction*. Tali ordni ma hijiex intiża sabiex tipprekludi lill-parti li kontriha tingħata milli tirreferi l-każ quddiem qorti oħra, iżda hija intiża sabiex tipprekludi lil din il-parti milli toħloq, qabel ma tinqata' l-kawża, fait accompli irreversibbli li jneħħi kull effettività tad-deċiżjoni li tkun ser tittieħed fi tmiem il-proċedura. Hija għalhekk kwistjoni ta' żamma tal-*istatus quo* fattwali sal-eżitu tal-kawża [78].

148. Fit-tieni lok, anki jekk jingħad li tali *freezing injunction* tinvolvi, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali "element *anti-suit*" fis-sens li tipprojbixxi lill-HCC milli jirreferi l-każ quddiem qorti Ingliża, din ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-ġurisprudenza relatata mal-projbizzjoni tal-*anti-suit injunctions*.

149. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fil-kawżi Turner u Allianz u Generali Assicurazioni Generali, li *anti-suit injunction*, jiġifieri f'dan il-każ, ordni intiża biex tipprojbixxi lil persuna milli tiftaħ jew tkompli proċedura quddiem il-qrati ta' Stat Membru ieħor, kienet inkompatibbli mal-Konvenzjoni ta' Brussell u mar-Regolament Nru 44/2001, imsejjaħ "Regolament Brussell I" peress li din l-ordni ma tosservax il-prinċipju li kull qorti li quddiemha titressaq kawża tiddeċiedi hija stess, skont ir-regoli applikabbli, jekk għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi t-tilwima mressqa quddiemha [79]. Tali ndħil fil-ġurisdizzjoni ta' qorti ta' Stat Membru ieħor huwa, barra minn hekk, inkompatibbli mal-prinċipju ta' fiduċja reċiproka li huwa l-bażi tal-implimentazzjoni ta' sistema obbligatorja ta' ġurisdizzjoni li l-qrati kollha li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn l-istrumenti legali huma meħtieġa josservaw [80].

150. Madankollu, ir-raġunament sottostanti għal din il-projbizzjoni ta' *anti-suit injunctions* ma jistax jiġi traspost għaċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża.

78 F'materji finanzjarji, tali *freezing injunction* tordna l-iffriżar tal-assi bħala miżura ta' prekawzjoni biex jiġi evitat li l-kreditur jiġi mċaħħad mill-aċċess għall-assi tad-debitur, permezz tal-bejgħ minn qabel ta' dawn l-assi (ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Meroni, C-559/14, EU:C:2016:120, punt 2). Il-Qorti tal-Ġustizzja ma sabet l-ebda inkonvenjent f'tali ordni anki meta persuna li x'aktarx tiġi affettwata ma nstemgħetx, sakemm din il-persuna jkollha l-possibbiltà li ssostni d-drittijiet tagħha quddiem il-qorti li tat l-imsemmi ordni (ara s-sentenza tal-25 ta' Mejju 2016, Meroni, C-559/14, EU:C:2016:349, punt 54).

79 Sentenzi tas-27 ta' April 2004, Turner (C-159/02, EU:C:2004:228, punt 25); tal-10 ta' Frar 2009, Allianz u Generali Assicurazioni Generali (C-185/07, EU:C:2009:69, punt 29), u tat-13 ta' Mejju 2015, Gazprom (C-536/13, EU:C:2015:316, punt 33).

80 Sentenzi tas-27 ta' April 2004, Turner (C-159/02, EU:C:2004:228, punt 24); tal-10 ta' Frar 2009, Allianz u Generali Assicurazioni Generali (C-185/07, EU:C:2009:69, punt 30), u tat-13 ta' Mejju 2015, Gazprom (C-536/13, EU:C:2015:316, punt 34).

151. B'dan il-mod, fil-kawżi li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat l-inkompatibbiltà ta' *anti-suit injunctions* mal-istrumenti legali tas-sistema Brussell-Lugano, dawn l-ordnijiet kellhom l-għan li jipprekludu lil parti f'tilwima pendenti quddiem qorti ta' Stat Membru milli tibda jew tkompli proċedura ġudizzjarja kontra l-parti l-oħra f'din l-istess tilwima u *dwar l-istess suġġett* quddiem qorti ta' Stat Membru ieħor [81]. F'ċirkustanzi bħal dawn, *anti-suit injunction* mogħtija mill-ewwel qorti effettivament tammonta għal evitar tar-regoli dwar il-ġurisdizzjoni previsti mill-istrumenti ta' Brussell-Lugano kif ukoll indħil fil-ġurisdizzjoni tat-tieni qorti li tapplika hija stess dawn ir-regoli.

152. Madankollu, kif innota wkoll il-Gvern tar-Renju Unit fis-seduta, f'dan il-każ, is-sitwazzjoni hija radikalment differenti.

153. Fil-fatt, ma hijiex kwistjoni li l-HCC jiġi prekluż milli jirreferi l-każ lil qorti ta' Stat Membru ieħor fir-rigward tal-istess suġġett tat-tilwima pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju, peress li proċedura ġudizzjarja ta' adozzjoni mibdija jew sussegwentement issoktata fl-Ingilterra għandha suġġett kompletament differenti. Għaldaqstant, la hemm *lis pendens* u lanqas kunflitt ta' ġurisdizzjoni bejn iż-żewġ qrati kkonċernati.

154. Dan huwa iktar u iktar minnu sa fejn ir-Regolament Nru 2201/2003 jirregola l-kunflitti ta' ġurisdizzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri biss għad-deċiżjonijiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Madankollu, id-deċiżjoni dwar l-adozzjoni u l-miżuri prepatorji relatati ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003, b'mod li fil-kawża prinċipali, ma hemmx dan it-tip ta' kunflitt fis-sens tal-imsemmi regolament [82].

155. Minn dan isegwi li l-prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza dwar l-*anti-suit injunctions* ma jistgħux jipprekludu, f'dan il-każ, l-għoti ta' ordni kawtelatorja fir-rigward ta' HCC mill-qorti tar-rinviju, intiża biex dan ma jkomplix jew ma jibdiex proċedura ta' adozzjoni fl-Ingilterra.

c) Fuq l-utilità ta' ordni kawtelatorja fiċ-ċirkustanzi fil-kawża prinċipali

156. Fiċ-ċirkustanzi f'dan il-każ, l-istruttura ġenerali tar-Regolament Nru 2201/2003 kif ukoll il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka li fuqu huwa bbażat ir-Regolament lanqas ma jipprekludu l-għoti ta' ordni kawtelatorja fir-rigward tal-HCC mill-qorti tar-rinviju.

157. B'dan il-mod, l-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2201/2003 jipprevedi effettivament miżuri provviżorji biss għall-każijiet fejn il-qorti ta' Stat Membru jkollha tieħu tali miżuri b'urġenza fir-rigward ta' persuni jew proprjetà preżenti f'dak l-Istat Membru. Madankollu, din il-ġurisdizzjoni hija prevista b'mod espliċitu biss għaliex għandha tkun tista' tiġi eżerċitata f'ċirkustanzi fejn hija tidderoga mill-ġurisdizzjoni ta' qorti ta' Stat Membru ieħor biex tiddeċiedi fuq il-mertu [83].

158. Għaldaqstant, il-fatt li tali miżuri provviżorji biss huma espliċitament previsti, bl-ebda mod ma jippreġudika l-fatt li l-qrati tal-Istati Membri jistgħu, fl-oqsma ta' ġurisdizzjoni li jagħtihom ir-Regolament Nru 2201/2003, jadottaw miżuri provviżorji sabiex jiżguraw l-effettività tal-proċeduri quddiemhom.

159. Tali miżuri jistgħu b'mod partikolari jirriżultaw meħtieġa f'każ, bħal dak inkwistjoni, fejn parti, f'dan il-każ l-HCC, bl-ebda mod ma tiggarantixxi lill-qorti kkonċernata li hija ser tikkonforma mas-sentenza li se tingħata fil-kuntest tal-proċedura li biha hija adita l-imsemmija qorti skont ir-Regolament Nru 2201/2003.

81 Sentenzi tas-27 ta' April 2004, Turner (C-159/02, EU:C:2004:228, punti 9 *et seq.*), u tal-10 ta' Frar 2009, Allianz (li kienet Riunione Adriatica di Sicurtà) (C-185/07, EU:C:2009:69, punti 11 *et seq.*).

82 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Mejju 2015, Gazprom (C-536/13, EU:C:2015:316, punt 36).

83 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Diċembru 2009, Detiček (C-403/09 PPU, EU:C:2009:810, punt 38).

160. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tindika ġustament li normalment ma għandux ikun meħtieġ li tingħata ordni kawtelatorja fir-rigward ta' korp pubbliku ta' Stat Membru ieħor parti f'tali proċedura, peress li tali korp għandu jipparteċipa f'din il-proċedura u jaċċetta li jikkonforma mad-deċiżjoni li tingħata.

161. Madankollu, kif jirriżulta mill-fatti tal-kawża prinċipali, f'dan il-każ, l-HCC ipparteċipa biss fil-proċedura ta' rikors quddiem il-High Court Irlandiża tal-21 ta' Settembru 2017, li ngħalqet fit-18 ta' Jannar 2018. Iżda l-HCC iddeċieda li ma jipparteċipax iktar fil-proċedura tal-appell mibdija mill-ġenituri kontra d-digriet tal-High Court Irlandiża tat-18 ta' Jannar 2018 quddiem il-qorti tar-rinviju. Barra minn hekk, l-HCC għarraf lill-qorti tar-rinviju li, fi kwalunkwe każ, ma kellux l-intenzjoni li jirritorna lit-tfal u li kienet diġà nbdiet proċedura għall-adozzjoni tat-tarbija. L-HCC argumenta f'dan ir-rigward li l-qrati Ingliżi għandhom il-ġurisdizzjoni biex jisimgħu l-mertu tal-każ u li t-tfal qatt ma kienu jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-qrati Irlandiżi. Din l-opinjoni madankollu hija bbażata, mingħajr ħsara għall-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni fuq il-mertu f'din il-kawża, fuq qari żbaljat tar-Regolament Nru 2201/2003. Fil-fatt, kif ikkonfermat il-Kummissjoni waqt is-seduta, dan ir-regolament jipprevedi b'mod espliċitu l-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istat Membru rikjest biex jisimgħu rikorsi kontra d-deċiżjonijiet ta' *exequatur*.

162. L-HCC għalhekk l-ewwel invoka r-Regolament Nru 2201/2003 favur tiegħu biex jikseb l-*exequatur* tad-digriet tal-High Court Ingliża tat-8 ta' Settembru 2017 u għal dan il-għan beda l-proċedura ta' *exequatur* skont l-Artikolu 28 tal-imsemmi regolament. Imbagħad, bi ftehim mal-omologi Irlandiżi tiegħu, evita l-obbligi proċedurali stipulati minn dan ir-regolament billi eżegwixxa d-deċiżjoni ta' *exequatur* qabel in-notifika tal-imsemmija deċiżjoni lill-ġenituri. Fl-aħħar nett, huwa ma qiesx lilu nnifsu obbligat li jipparteċipa sal-aħħar fil-proċedura ta' rikors mibdija kontra d-deċiżjoni ta' *exequatur* u ma għandux l-intenzjoni li jikkonforma mad-deċiżjoni meħuda mill-qorti kompetenti fi tmiem din il-proċedura.

163. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-HCC ma offriex il-garanziji meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-prinċipji ta' rikonoxximent u ta' fiduċja reċiproċi li madankollu jikkostitwixxu l-bażi tal-funzjonament tal-mekkaniżmi stabbiliti mir-Regolament Nru 2201/2003. Kif irrilevat dan l-aħħar il-Qorti tal-Ġustizzja, sistema ta' fiduċja u ta' assistenza reċiproċi timplika fil-fatt li huma l-awtoritajiet nazzjonali parteċipanti li għandhom joħolqu l-kundizzjonijiet li fihom l-omologi tagħhom fl-Istati Membri l-oħrajn jistgħu jagħtu l-assistenza tagħhom b'mod utli u b'mod konformi mal-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni [84].

d) Konklużjoni intermedja

164. Ir-risposta għad-domanda preliminari fil-Kawża C-375/18 PPU għandha tkun li d-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 2201/2003, ma jipprekludux li qorti ta' Stat Membru tagħti, kontra korp pubbliku ta' Stat Membru ieħor li huwa parti fi proċedura quddiem l-imsemmija qorti, ordni kawtelatorja li tipprojbixxi lil dan il-korp milli jibda jew ikompli proċedura ta' adozzjoni ta' minuri quddiem il-qrati ta' dak l-Istat Membru l-ieħor.

84 Ara s-sentenza tas-26 ta' April 2018, Donnellan (C-34/17, EU:C:2018:282, punt 61).

VI. Konklużjoni

165. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi tal-Court of Appeal (il-Qorti tal-Appell, l-Irlanda) fil-Kawża C-325/18 PPU:

1) Meta jkun hemm allegazzjoni li minuri jkunu tneħħew illegalment mill-Istat Membru tar-residenza abitwali tagħhom lejn Stat Membru ieħor, deċiżjoni li tordna r-ritorn ta' dawn il-minuri meħuda minn qorti tal-Istat Membru ta' oriġini barra mill-proċedura prevista fl-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2201/2003 u indipendentement minn deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri ma tistax tiġi eżegwita skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tal-imsemmi regolament. Madankollu, f'tali ċirkustanzi, deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri mogħtija minn qorti tal-Istat Membru ta' oriġini li tinvolvi r-ritorn tal-minuri lejn dan l-Istat Membru tista' tiġi eżegwita skont l-imsemmija dispożizzjonijiet.

2) F'kawża li tikkonċerna d-dispożizzjonijiet dwar l-eżekuzzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003, il-qorti adita għandha, skont il-prinċipju tal-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri, il-ġurisdizzjoni li testendi t-terminu għall-preżentata ta' rikors previst fl-Artikolu 33(5) tal-imsemmi regolament. Hija l-qorti kkonċernata li għandha tevalwa, fuq il-bażi tal-elementi kollha quddiemha u filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività, jekk tali estensjoni għandhiex tingħata. F'din l-evalwazzjoni, din il-qorti tista' b'mod partikolari tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' *exequatur* qabel in-notifika tagħha lill-konvenut fl-eżekuzzjoni kkostitwixxiet ksur mhux ġustifikat tad-dritt ta' dan il-konvenut għal rimedju effettiv stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

166. Barra minn hekk, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domanda magħmula mill-Court of Appeal (il-Qorti tal-Appell, l-Irlanda) fil-Kawża C-375/18 PPU:

Id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 2201/2003, ma jipprekludux li qorti ta' Stat Membru tagħti, kontra korp pubbliku ta' Stat Membru ieħor li huwa parti fi proċedura quddiem l-imsemmija qorti, ordni kawtelatorja li tipprojbixxi lil dan il-korp milli jibda jew ikompli proċedura ta' adozzjoni ta' minuri quddiem il-qrati ta' dak l-Istat Membru l-ieħor.